# " B E N   H U R "

Dramm f'Hames Atti

ta'

Charles Attard

Addattat għal Palk mir-Rumanz ta'

LEW WALLACE

-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-

" B E N   H U R "

Dramm f'Hames Atti

ta'

CHARLES ATTARD

Addattat ghal Palk Malti mir-Rumanz ta'

LEW WALLACE

-o-o-o-o-o-o-o-o-o-

JIEHDU SEHEM:

| | |
|---|---|
| GUDA, BEN HUR, . . . . . . . . . . . | BALTASSAR, Habib ta' Guda . . . . . . |
| L-ARMLA HUR, Ommu . . . . . . . . . . | SHEJK ILDERIM Habib ta' Guda . . . . . |
| TIRZAH, Ohtu Guda . . . . . . . . . . | MALLUCH Irsir ta' Guda . . . . . . . . |
| AMRAH, IRSIRA . . . . . . . . . . . . | LEHEN GESÙ . . . . . . . . . . . . . |
| ESTER, bint . . . . . . . . . . . . | KAJFAS . . . . . . . . . . . . . . |
| SIMONIDES . . . . . . . . . . . . | ANNAS . . . . . . . . . . . . . . |
| MESSALA, Centurjun . . . . . . . . . . | RABBI . . . . . . . . . . . . . . |
| VALERIUS GRATUS (Gvernatur) . . . . . . . . . . . . . | KLEOPHA . . . . . . . . . . . . . . |
| QUINTUS ARJUS (Kmandant tal-Flotta) . . . . . . . . . . . . . . . . . | LONGINU . . . . . . . . . . . . . . |
| GUZEPPI (Rabbi) . . . . . . . . . . | AGRIPPA . . . . . . . . . . . . . . |
| ABEL ) [illegible]LIA ) Hbieb ta' Guzeppi . . . . . . | FAUSTUS . . . . . . . . . . . . . . |
| KMANDANT ta' L-Irsiera . . . . . . . | MIRIAM . . . . . . . . . . . . . . |
| | GWANNI . . . . . . . . . . . . . . |
| ROMULUS ) RUFUS ) VENUS ) Hbieb ta' Messala . . . . | MARIA MADDALENA . . . . . . . . . . |

Suldati Rumani, Irsiera , ecc. ecc.

-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-

N.B. Inzomm id-dritt li nagixxi bil-Ligi, kontra kull persuna li tipprezenta jew tistampa dan id-dramm minghajr il-kunsens tieghi bil-miktub.

Charles Attard.

Miktub fl-1942 ----- Rivedut fl-1960.

22.VII.60.

"B E N  H U R"

L-Ewwel Att.

Xena: Sala ghanja fil-Palazz ta' Hur, rmata bi stil Lhudi. L-art tidher miksija b'tapiti ghonja, l-istess bhal hitan. Mal-genb tas-sala, tidher logga kbira, mibnija fuq kolonnar tar-rham. Il-logga taghti ghal barra, b'mod l'it-triq ma tidhirx. Mal genb l-iehor tas-sala, jidher sofà u xi pultruni. Xi qsari sbieh ikomplu izejnu x-xena.

i. xena.

(Guda jidher mixhut fuq sofà, hosbien u mdejjaq. Jidher li huwa nkwiet ghaliex ta' sikwiet jidher jitqalleb min-naha gh ghall-ohra tas-sofà.)

ii. xena.

( Tidhol Amrah. Kif tintebah b'Guda, fuq ponot subghajha tersaq lejh u meta tinduna li hu mqajjem:)

1. Amrah: Ja Sidi, taf li daqq nofs il-lejl? L-ikel ghadu kif gibtulek...Ghaliex ma kielt xejn?

2 Guda : Emminni, ghaziza Amrah, m'ghandix sinjal ta' guh.

3 Amrah: Jaqaw, ma thossokx fieha?

4 Guda : Xejn minn dan, ghaziza Amrah, biss, inhossni xi ftit bin-nghas.

5 Amrah: Ja Sidi, ftit ilu, l-Principessa staqsiet ghalik.

6 Guda : Miskina, Ommi!... Fejn tinsab bhall-issa?

7 Amrah: Fuq il-bejt, qeghda tiehu ftit arja. Allura, ja Sidi, il-lejla, m'int se' tiekol xejn?

8 Guda : Newwilli xi haga x'nixrob... niekol m'ghandix aptit...

9 Amrah: Imma, ja Sidi... gralek xi haga?

10 Guda : Amrah, minn daloghodu l-hawn, rajt li l-bniedem ibiddel ghemilu u drawwietu bhal-lejl minn-nar. Nahseb li ghadhek tiftakru l-habib tieghi Messala li kien jigi jzurni ta' sikwiet.

11 Amrah: Iva! Niftakru tajjeb.

12 Guda : Minn dak iz-zmien l-hawn, Messala kien mar Ruma u issa, issa jinsab mill-gdid fostna.... daløghodu ltqajt mieghu u kellim

13 Amrah: Jiena rajt li gralek xi haga. Il-familja Messala, jien, mi dejjem stmerrejta u l-hbiberija li kelkhom bejnietkhom, xejn ma kienet toghogobni... Allura, xi gralkhom?

14 Guda : Messala m'ghadux dak ta' dari... tant huwa hekk, li wahhalt f'rasi li m'inkellmux izjed.

iii. xena.

(Tidhol l-Armla Hur. Guda, kif jilmaghha, jigri lejha:)

1. Armla: Ghaziz Guda, ghaliex hallejt il-post tieghek vojt fuq il-mejda? M'hux soltu tieghek taghmlu dan.

2. Guda : Ahfirli, ghaziza ommi... Il-lum, kelli nahseb fuq hwejjeg li qatt qabel ma dahlu f'rasi.

3. Armla: Meta Guda kien ghadu tfajjel, jiena kont inhallieh jahseb fuq hwejjeg zghar, imma l-lum, Guda sar ragel... Guda irid jghix biex iharisni u jiddefendini. Ghidli xi gralek, ibni.

4. Guda : Jimporta, ghaziza ommi, jekk qabel naghmillhek mistoqsija?

5. Armla: Xejn... Lesta biex inwiegbek.

6. Guda : Nixtieq naf minn ghandhek liema se' jkun il-gejjieni tieghi.

7. Armla: M'hux ga ghedtlek? Int trid tkun id-difensur tighi.

(Guda ibusilha idha. L-Omm tintafa' bilqeghda fuq is-sofà u Guda jinxtehet f'riglejha)

8. Guda : Nahseb li fhimthek... Int trid iddawwarli l-kliem.

9. Armla: Le!... Ghaliex?

10. Guda : Sal-lum, hajti, kienet tieghek biss, imma dan, ma jistax itul ghal dejjem. Ix-xewqa tas-Sinjur hi li xi darba, jien insir sid tighi n-nifsi... Dak inhar issir il-firda ta' bejnietna... Dak il-jum, ghalik, ikun ikreh u ghalhekk, jehtieg l-int tirrassenja ruhek. Ghaziza ommi, l-Ligi, int tafha aktar minni... Il-bniedem, biex jghix irid jahdem ghalhekk jien, nixteiq naf minn ghandhek liema se' tkun senghati. Forsi, nirgha n-naghag? Nahdem fl-eghlieqi? Insir neguzjant jew avukat? Irridhek tghidli x'sejjer isir minni.

iv. xena.

(Tidhol Amrah u tqieghed tazza bix-xorb fuq mejda ckejkna. Wara li 'sselmilhom, tohrog.)

v. xena.

11. Armla: Guda, x'inhu jgaghalok taghmilli dawn il-mistoqsijiet?

(Guda iqum, jaqbad it-tazza f'idu u kif ikun se jixrob:)

12. Guda : Il-laqa' li kelli daloghodu mal-habib tieghi Messala.

13. Armla: U x'qallek biex dawwarlek mohhok b'dal mod?

14. Guda : Nisthi nghidlek... Messal cahad l-istess art twelidu.

15. Armla: Dahal fl-Armata Rumana, hux tassew?

16. Guda : Iva! Dak li qalli, kien bizzejjed biex iweggaghli qalbi.. biex joffendi s-sentimenti tighi.

17. Armla: Il-hajja ghar-Rumani m'hix hag'ohra ghajr ghana u kburija.

18. Guda : Messala, wat li konna flimkien, wara li kolna ilna ma niltaqghu hafna, beda imaqdar id-drawwiet u r-Religjon taghna.

1. Armla: Jekk Messala cahad twemminu, ma jistax jaghmel xort'ohra.

2. Guda : Ghaziza ommi... Tista' tghidli fiex jien baxx izjed minnu? Tista' tghidli, ghaliex bhala Lhudi ma nistax nissielet ghall-unuri li tista' toffri d-dinja? Ghaliex m'ghandix naqbad jien ukoll l-armi biex nikseb rebhiet bhar-Rumani? Irridhek tghidli ghaliex, jien, Wild il-Lhudija, ma nistax naghmel dak kollu li jista' jaghmel Ruman.

3. Armla: Dak li trid taf int, ma tistax twiegbek ghalieh mara dg.. jia bhali. Tini zmien s'ghada... Jiena nibaght ghall-gharef Simeon u dan iwiegbek bla tlaqlieq.

4. Guda : Jiena nghidlhek li izjed tista' twigibni int mill-gharef Simeon.

5. Armla: Nipprova. Naghmel mill-ahjar. Ibni, il-habib tighek Messala, huwa mnissel minn familja gholja... minn-nies li kienu msemmija, min ghal haga u min ghall-ohra. Imma, jekk Messala ried icekknek billi semmielek l-antenati tighu int stajt cekkintu billi jssemmilu tighek. Jekk Messala ried ibaxxik, naraw minn minkhom huwa l-izjed gholi.

6. Guda : Tieqafx, nitolbok, ghaziza ommi.

7. Armla: Ghadni niftakar qisu lbierah, mita jiena u missierek, flimkien ma' bosta hbieb u qraba morna fit-Tempju biex nipprezentawk lis-Sinjur. Ismek kien gie miktub fil-ktieb Imqaddes. L-ewwel isem li kien gie miktub f'dan il-ktieb kien dak ta' missierna Abraham. Warajh, dawk ta' uliedu. Ghaziz Guda, dan huwa ga bizzejjed biex lilek jaghmlek kbir imma, biex niftehemu ahjar, irridek tfehemni sewwa x'rid ifisser bi kliemu Messala.

8. Guda : Fost hafna kliem li bieh weggaghli qalbi, qalli: "X"jiswa li wiehed jkun Lhudi? Kull-bniedem, kull haga li hawn fid-dinja, ukoll is-sema u l-art, jitbiddlu, imma l-Lhudi ma jitbiddel qatt. Ghall-Lhudi, m'hemmx l-ura jew il-quddiem jghix dejjem fl-istess hajja ta' dak ta' qablu . Gib quddiem ghajnejk cirku - kompla jghidli - fieh, ghandek tara sewwa l-hajja tal-Lhudi. Xoghol li ghamluh nies ta' Nazzjon iehor m4hux stmat minnkhom. Jekk tharsu lejh il - pittura jew l-iskultura, taghmlu dnub. Fi gwerra, dak l-inthom tirbhu f'sitt -ijiem , titilfuh fis-seba' jum.

9. Armla: Kemm ilha wieqfa d-dinja, ebda poplu m'ghex bil-hsieb li hu icken jew biex nghid ahjar li m'hux aktar daqs popli ohra, kemm fix-xoghol tighu u kemm fil-grajja ta' pajjizu. Id-dinja minn dejjem hekk kienet. Poplu jahkem lill-iehor, jisraqlu gidu w jixroblu demmu.

10. Guda : Kompli, ghaziza ommi.

11. Armla: Jekk nieqfu hawn, inkunu waqafna mnejn bdejna, ghalhekk nistghu nxebbhu l-hajja tal-lhudi ma' dik tar-Ruman. L-izjed haga hafifa biex tifhimni, hija din.

12. Guda : Ghidli, ghaziza ommi.

13. Armla: Wild Israel, hafna drabi, insew lil Mulej, waqt li r-Rumani m'gharfuh qatt. Messala, bi kliemu, ried ifisser li l-poplu Lhudi qatt ma kellu Poeti, artisti jew Gwerrieri

: Ruma ì f'xejn ma tista' tissejjah ewlenija hlief fil-gwerer. Dak li huwa loghob u wiri, m'hux xoghol ir-Rumani, imma, misruq mill-Griegi. Ir-Religjon taghhom, jekk tista' tissejjah religjon, hija misruqa mit-twemmin ta' gnus ohra. Ghaziz Guda, Hadd fost il-gnus ma jista' jithaddet fuq il-kobor ta' gensu, hlief il gens Lhudi u l-gens Grieg.

1. Guda: Imma, ghaliex? Ghadni ma fhimtehekx bizzejjed.

2. Armla: Jekk ahna nistudjaw hwejjeg ohra, insibu li hadd m'hu egoist daqs il-poplu Ruman. Gnus zghar, dejjem eghoxu bezghana mill-hakma ta' Ruma. Ma' hafna ohrajn, ahna messna l-istess xorti. L-ahjar postijiet ta' artna, jinsabu taht idejhom; gidna jinsab misruq bla ebda misthija. Ibni, Ruma tista' jggaghalna nsofru hafna... Ruma tista' jggarraf Gerusalemm, imma l-gieh ta' gensna, jibqa' hemm, iebes daqs il-granit...hadd ma jista' jeqirdu. Il-grajja tal-Lhudija hija di. stess tal-Mulej......

3. Guda : Kliemhek qed isahharni...Kompli, ghaziza ommi.

4. Armla: Issa, wasalt biex inwiegbek ghal mistoqsija li ghamiltli. Int trid taf liema ser ikun il-gejjieni tighek. Bhala ommok, ma **nistax nghidlek hag'ohra ghajr dak l-int ghandek tghix hajja li toghogob lill Mulej u m'hux bhal m'ghamel il-habib tieghek.** tghix biex toghogob lil Ruma. Ghall-ulied Abraham, m'hu ferh u hena jekk m'hux fit-triq tal-Mulej.

5. Guda : Imma, jien, bhala wild il-Lhudija, nista' nsir suldat?

6. **Armla: Ghaliex, le? Forsi m'hux Mosè stess sejjah lil Alla, bniedem gwerrier? Jiena nhallik issir suldat, imma, taht patt.**

7. Guda : Liema hu dan il-patt?

8. Armla: L-int tissielet ghal Alla u qatt ghal Cesare.

9. **Guda : Nahlef quddiem Alla li l-arma tighi m'inhaddimiex ghajr kontra Csaesar.**

10. **Armla: Issa, jidhirli li ma baqaghalniex x'inghidu ghal lejla...strieh ghaziz Guda... dal-waqt jisbah u ghadna mqajmin.**

11. **Guda : Nizzik hajr minn qalbi, ghaziza ommi... Kliemhek inhossu ghamilni qawwi, nezzaghni mill-libsa tal-biza u sirt hieni...** Mur strieh int ukoll, ghaziza ommi... nixtieqlhek lejl hieni.

12. **Armla: (Waqt li thaddnu maghha:) Il-lejl it-tajjeb, ghaziz Guda.** (Tohrog).

vi. xena.

(Guda jintelaq hosbien fuq is-sofà - Pawsa) **(Tidhol Amrah)**

13. Amrah: Ghadek imqajjem, ja Sidi?

14. Guda : Iva, Amrah... Mohhi qieghed jewden fuq it-taghlim li taghtni art twelidi.... (Aktarx lilu n-nifsu) Mosè, sejjah lil Alla bniedem gwerrier... Snin ilu, jghidu li twieled il-Messija, Sultan tal-Lhudija....Fejn setgha mar, dan ilàbniedem, Amrah? Fejn setgha nhebe? Ghaliex il-gnus ferhu bi twelidu u s-Slaten bezghu minnu? Amrah, dawn huma hwejjeg l'irrid inkun nafhom... Minn ghada stess nibda nitkixxef fuqu... Mur, Amrah, mur strieh...

15. Amrah: Il-lejl it-tajjeb, ja Sidi. (Tohrog)

vii. xena.

( Guda jintilef fin-nghas. Pawsa. Tidhol Tirzah. tintefa' gharkuptejha fuq it-tapit, f'riglejn is-sofà u b'sinjal ta' imhabba tibda tmelles ras Guda. Wara ftit, Guda jistenbah.)

1.Tirzah: Ghaziz hija....

2.Guda : Sbejha Tirzah!... X'giebhek hdejja f'dal hin?

3.Tirzah: Xtaqt narak... ma stajtx norqod...ghalhekk gejt hdejk... Ilbierah ma rajtek xejn.

4.Guda : Kont imhabbat... Ilbierah kont qed inhejji ruhi ghas-safar.

5.Tirzah: (Sorpriza:) Ghas-safar? Mita? Fejn? Ghaliex ser issiefer? Ghaliex ser thallina?

6.Guda : Ha...ha...Ha... Kemm hadta bi kbira? Tirzah, insejt li l-Ligi tal-Mulej tghidli l'irrid nahdem? L-istess missierj bl-istess hajtu urieni kif ghandi nghix. Jekk jien ma nmiddx ghonqi ghax)xoghol, int stess tibda tkasbarni... f'qalbek tibda tghid li jien ghazzien. Ghaziza ohti, jiena m'indumx ma nitlaq ghal Ruma.

7.Tirzah: Tajjeb!... Jiena nigi mieghek.

8.Guda : Le!... Int jehtieg li tibqa' hawn, tghix u thares lil ommi. X'isir minnha jekk inhalluha t-tnejn f'daqqa?

9.Tirzah: Ghandek ragun.... Imma, int, bilfors trid issiefer? F'Gerusalemm int tista' titghallem dak kollu li tixtieq... Tista' tistharreg is-sengha ta' neguzjant, kemm il-darba dan huwa l-hsieb tighek.

10.Guda : Le, xejn minn dan... Il-Ligi tal-Mulej ma tghidx li t-tifel ghandu jahdem bilfors fis-sengha ta' missieru.

11.Tirzah: Allura, x'behsiebek taghmel?

12.Guda : (Arjus) Insir suldat.

13.Tirzah: (Tghatti wiccha b'idejha, imbazza') Issir suldat! Jaqaw, xbajt minn hajtek?

14.Guda : Jekk ir-rieda tal-Mulej hija li jiena immut, isir dak li irid Hu. Jiena nghidlek li m'hux kull suldat jiegi maqtul.

15.Tirzah: (Thaddnu maghha) Imma ghaliex; ghaziz hija, ghaliex trid teqred l-hena ta' bejnietna? Flimkien, ninsabu tant ferhana.

16.Guda : (Imnikket) L-hena taghna ma tistax ittul ghal dejjem... Int stess m'iddumx ma tinfired minna.

17.Tirzah: Le, ghaziz Guda... dan, jien, ma naghmlu qatt.

18.Guda : Ah!... Kemm sejra imqarqa, ghaziza ohti.... Jiena nghidlhek li m'indumhux ma naraw xi Princep tal-Gudea riesaq lejn dan il-Palazz biex jiehdok il-boghod minn hawn bhala siehba tighu...X'isir minni, Tirzah, mita narak ser tidbieghed minn hawn?

(Tirzah tidher qegheda tixxotta ghajnejha mid-dmugh)

1. Guda : Il-Gwerra hija sengha u biex wiehed jistharreg l-armi, jehtieg li jmur Ruma.

2. Tirzah: Imma jien qieghda nifhek sewwa? Trid tissielet ghal gieh ta' Ruma?

3. Guda : Int ukoll toboghodu l-isem ta' Ruma? Ghandhek ragun.. Ruma joboghodha kullhadd... Iva, ghaziza ohti... Jien sejjer nissielet ghal Ruma bil-patt li tghallimni biex il-quddiem nissielet kontriha.

(Minn barra jinstama' ghajjat ta' nies u daqq ta' trombi. Guda iqum bilwieqfa u imur jixref ghal barra - Jerga l-ura:)

Suldati....Messala qalli li l-lum, il-Gvernatur l-gdid tal-Gudea kellu jidhol rebbieh gewwa l-Belt... Imma, hekk kmieni? Forsi dan il-Gvernatur hekk kburi, qieghed jibza minn Gensna... Iva... diehel fil-Belt meta l-kotra tinsab rieqda.

4. Tirzah: Minn hu dal-Gvernatur il-gdid?

5. Guda : (Waqt li mill-gdid jersaq lejn il-Logga:) Valerius Gratus. (Iserrah il-pali t'idejh fuq il-banavostrar tal-logga u jittawwal ghal barra. Tirzah tersaq ma' genbu u wat li titfa' idha fuq spaltu, tittawwal hija wkoll)

6. Tirzah: X'isejhulhom dawn is-suldati li ghaddejjin quddiem?

7. Guda : Din, hija l-Infanterija... ta' warajhom, it-trumbettieri u dawn li ghaddejjin issa, il-kavallerija...Hekku, Valerius Gratus... Dak li gej xuxa, riekeb fuq ziemel abjad... qieghed fin-nofs.

(Minn barra, fost l-agha tan-nies, jinstama ghajjat ta:)

Halliel!

Ja Tirann!

Ja Kelb Ruman!

Mewt lil Ismail!

Tina l-ura lil Annas!

(Guda jixxabbat biex jarah sewwa u wahda mill gebel li ghandu taht idejh, iccedi u taqa' ghall-isfel. Guda isamma' ghajta imbazza')

Ah!.... (B'ghajnejh imberqa, jghaqqad idejh f'xaru. Minn barra, jinstama ghajjat u zapcip fl-istess hin. Guda u tirzah jingibdu l-gewwa. Tirzah, meta tara lil huha mwerwer:)

8. Tirzah: X'gara, ghaziz hija? Kont qegheda nhares n-naha l-ohra.

9. Guda : (Miblugh) X'wahdadin!. . X'sejjer isir minna?

10. Tirzah: Imma x'gara? F'gieh Alla... Ghidli x'gara!....Ghaliex int hekk bezghan?

1. Guda : Dil-gebla li kelli taht idejja, harget minn lokha u waqghet ghall-isfel... jekk rajt sewwa, giet fuq ras il-Gvernatur... Emminni... m'ghax riedt... (Jersqu jittawwlu mill-gdid) Iva... fuqu giet... Hemm arah, qieghdin inizzluh minn fuq iz-ziemel.

2. Tirzah : Imma din, kienet disgrazzja... m'hemmx ghalfejn tibza daqshekk... X'jistghu jaghmlulek?

3. Guda : (Jerga jittawwal) Nizzik hajr, Mulej... Ghadu haj... Ikun imbierek Alla ta' Missirietna... Jiena issa nfehemhom xi grali...Ghal qima li ghandhom lejn missieri, jahfrulna.

(Minn gewwa jinstama' lehen ta' nisa jghajtu)

4. Tirzah : X'inhu dan l-ghajjat? Donnu fil-palazz taghna.

(Guda jissamma' u mill gdid tinstama twerzieqa ta' mara)

5. Guda : Stennieni hawn. (Kif jaghti l-ewwel pass, jinfetah il-bieb tal-faccata bis-salt)

viii. xena.

(Jidhlu n-xena suldati Rumani rmati bil-lanza. Omm Guda tigi mdahhla fis-sala bejn zewg suldati b'guffagni kbira. Il-Gvernatur u Messala jidhlu n-xena donnhom qieghdin ifittxu lil xi hadd. Kif Guda jilmah lil ommu, jitlaq jigri ghal fuqha:)

6. Guda : Ommi!... Ghazizaommi!....

7. Armla : Ibni!... Ahna mitlufin!...

8. Messala: (Lil Gratus) Dak huwa li jttanta joqtlok

9. Gratus : Possibbli? Ghadu zaghzugh!...

10. Guda : Le, Sire... Temminx li riedt noqtlok...

11. Messala: Xi tghid Seneca, jekk tghidilha li ragel, irid ikun xieh biex joboghod bizzejjed li jasal biex joqtol? Dak huwa l-qattiel... Dik, hija ommu u dik hija ohtu... Tajtek f'idejk il-familja kollha.

12. Guda : Messala!... Kif jista' jkun? Ghaliex qieghed tixlini b'dil-maniera? Dak li gara sar b'disgrazzja...Dik il-gebla harget minn lokha u waqghet minn taht idejja bla ma riedt...

13. Messala: Temminx, Sire... Il-mibegheda li ghandu dan iz-zaghzugh ghal Ruma, twasslu jaghmel kollox....

14. Guda : Hniena, habib... ftakar fil-hbiberija ta' zoghozitna... Bhall-issa, ghandna bzonn l-ghajnuna tighek... X'qatt ghamiltlek jien biex sirt toboghdni daqshekk? Ikollok hniena, habib... jekk m'hux minni, minn ommi u minn ohti....Guda, il-habib tighek, dak li qieghed jitolbok.

(Hawn zewg suldati jersqu lejn Guda u jaqbduh minn dirghajh. Messala idur lejn Gratus:)

II. Messala: Eccellenza, Ma nistax niswielek izjed...Dawk li xtaqu l-mewt tighek, jinsabu f'idejk.

(Waqt li jgolli idu lfuq:)

Mewt lill-Eros... Hajja lil Mars! (Johrog jghaggel il-barra)

ix. xena.

2. Guda : (Waqt li jinzel gharkuptejh, b'lehen gholi u car:)

O Alla ta' missirieti, f'dis-siegha hekk terribbli, nitolbok li meta tasal biex tithallas mill-hazin Messala, tinqeghda bija u thalli lili nithallas minnu. (Idur lejn Gratus:) Eccellenza...Dik il-mara hija ommi u dik, hija ohti...

(Bhall-issa, dawn jinsabu t-tnejn bejn zewg suldati)

Ikollok hniena minnhom... Il-Mulej huwa gust u l-hniena l-int tuza magħna ipattijielek ghall-elf darba.

3. Gratus : Il-Ligi tghid li l-hati ghandu jithallas bil-kastig... (Idur fuq ic-centurjun:) Hu lin-nisa fit-torri.. M'irridkhomx timmaltrattawhom... Mita nasal inkun irrid narhom... Lil dan, orbtulu idejh u giebuh maghna... Dan irid jaghti ezempju lil dawm il hafna lpup li hawn kontra taghna.

(L-armla taghti salt u tahrab minn idejn is-suldati, tigri ghal fuq binha, u:)

4. Armla : Ibni!... Ghaziz ibni!...

5. Guda : (B'salt iehor, dan, jigri lejn ommu u wat li jhaddanha mieghu:) Ahfirli, ghaziza ommi...Jien bla htija....

6. Tirzah : Ahfrulu... M'hux ghax ried... Ikollkhom hniena.

(Is-suldati jifirdu malajr lil Guda minn ommu)

7. Gratus : Nisthu immorru... Qisu li f'dan il-Palazz ma jidhol hadd. Issigillaw il-bibien u wahhlu tabell mal-bieb li tghid li dan il-palazz huwa ta' Çaesar, l-Imperatur ta' Ruma.

8. Guda : (Lill-ommu u lil ohtu-) Ahfruli... Kont kagun taghkhom bla ma riedt... Ahfruli... Ahfruli!....

Siparju malajr.

Tieni Att.

L-Ewwel Kwadru.

Xena: Wesgha bis-sigar (Spjagga). Faccata, bahar. Mal-genb, qalb is-sigar, fuq il-lemin, bir, qrib ir-ribalta.

i. xena.

Xi lhud jidhru mitfugha bilqegheda ma' l-art, qalb is-sigar. Wiehed minnhom jidher li qieghed josserva xi haga, iqum, u:)

1. Abel : Qieghedin taraw bhali? Minn huma dawk li resqin l-hawn?

2. Elia : Donnhom x'irsiera.

3. Abel : Tghid x'irsiera tax-xwieni?

4. Elia : X"aktarx li hekk. Ara, gej Guzeppi, l-mastrudaxxa, dan, ikun jaf jghidilna.

ii. xena.

(Xi suldati rumani jidhlu n-xena b'x'irsiera, b'idejhom marbuta bi ktajjen. Fuq sidirhom ghandhom numru. Abel u Guzeppi jitrekknu aktar lejn il-bir.

5. Kmandant: Ghall-issa tistghu tistriehu.

(L-irsiera joqoghodu bilqegheda taht is-sigar. Guda, wara li jhares madwaru biex jara hux osservat jersaq lejn il-bir biex jixrob. Il-kamndant, waqt li jkun wasal (Guda) biex jixrob, jilmhu, jigri lejh, itieh daqqa ta' harta u jitfghu minn tulu fl-art, qrib il-bir.)

iii. xena.

(Jidhol Guzeppi u jersaq lejn Abel u Elia.)

6. Elia : Rabbi Guzeppi, jaqaw dawn xi qaddiefa tax-xwieni?

7. Guzeppi : Iva, hbieb... Dawn l-imsejkna sejrin fuq il-bahar. Minjaf liema xorti ghad tmisshom?

8. Abel : Dak l-imsejken li hemm fl-art hdejn il-bir, ghadu kemm qala daqqa ta' harta ghaliex ittanta jixrob...

(Jersaq il-kmandant lejhom)

9. Guzeppi : (Wara li jsellimlu -) Il-paci tal-Mulej, mieghek.

10. Kmandant: U dik ta' l-Allat, maghkhom.

11. Guzeppi : -Gejjin, mill-boghod, habib?

12. Kmandant: Gejjin minn Gerusalemm.

13. Guzeppi : (Waqt li jhares lejn Guda li bhall-issa jidher mitfugh ma'l-art, jibki) Dak l-irsir, mid-dehera, jidher li ghadu zaghzugh.

14. Kmandant: Miz-zmien, iva.

15. Guzeppi : Kbira l-htija tieghu?

Kmandant: Ipprova joqtol. (Guzeppi u l-ohrajn jharsu lejn xuxxin)

2. Guzeppi : Kemm hu msejken... Il-Mulej itieh is-sabar.

3. Kmandant: X'tistenna, minn Wild il-Lhudija... Dak huwa iben il-Princep Hur.

4. Guzeppi : Darba kellimtu... Kien Princep ta' Gerusalemm.

5. Kmandant: Ftit xhur ilu, waqt li n-Nobbli Gratus kien ghaddej biz-ziemel minn taht il-Palazz ta' Hur, dan l-ibleh ipprova inehhilu hajtu billi tefaghlu gebla minn fuq il-bejt.

6. Guzeppi : Iebsa s-sentenza tieghu?

7. Kmandant: Ghall-ghomru taht il-moqdief.

8. Guzeppi : Il-Mulej ikollu hniena minnu, imsejken zaghzugh. Immorru, hbieb?

9. Abel, Elia : Immorru.

10. Guzeppi : Is-Sliem, habib.

11. Kmandant: Is-sliem. (Guzeppi , Abel u Elia, johorgu)

iv. xena.

(Il-kmandant jersaq fuq l-irsiera u jibda josservhom wiehed, wiehed. Minn wara l-bir, tidfacca id, b'biqja bl-ilma. Guda, jhares lejn l-Id u fuq wiccu tidher espressjoni t'ghageb u ferh fl-istess hin. Itawwal ghonqu u jixrob. Wara li jixrob l-Id, tibda tmellislu rasu. Guda jqum gharkuptejh, dahqani. L-Id, ghal ftit terga' tpoggi fuq ras Guda. Dan, isir bla ma jintebah hadd. L-Id tegheb wara l-bir u Guda, ferhan, jimur joqoghod hdejn shabu.)

v. xena.

(Jidhol Quintus, Romulus, Rufus u Venus)

12. Romulus : Imma, ghaliex ser thallina hekk malajr?

13. Venus : Ilbierah ghadek kemm wasalt minn battalja qalila...

14. Rufus : U l-lum ser thallina mill-gdid.

15. Quintus : Hbieb, dmiri qed isejjahli band'ohra.

16. Venus : Isma, ahna m'ghandniex ghalfejn naghlu ghalieh...Ix-xorti bosta drabi hadet lil habib taghna minn fostna... M'hux dejjem regghet tatulna l-ura b'rebhiet godda?

17. 18. Romulus, Rufus, Venus : Sewwa qieghed tghid.

19. Quintus : Hbieb, il-Pirati regghu hargu mill-bejta taghhom. Jehtieg li bla telf ta' zmien, innaddfu l-ibhra minn dawn l-ilpup. Araw b'ghajnejkhom. (Minn taht il-mant, johrog balcnina u itieha f'idejn Romulus. Venus u Rufus iduru mieghu u Romulus jaqra b'lehen gholi:)

1. [illegible] "Lil Cecilijus,

Caesar, b'tama qawwija fil-hila ta' Quintus Arjus, jitlob li minnufieh jigi mibghut fil-Lvant. Hija x-xewqa ta' Caesar li jigu mibghuta mitt xini armati biex jilqghu lil Pirati li deheru jbahhru fl-Ibhra ta' l-Aegean. Quintus Arjus ghandu jigi mogti f'idejh il-kmand tal-flotta. Il-htiga li naraw dawn il-Pirati meqruda hija kbira u ghalhekk u mistenni li Quintus isalpa minnufieh. "

" Sejanus"

Nifrahlek, habib.

2. Rufus : L-Allat isedquk fil-gieh li tak Caesar.

3. Venus : Jalla narawk mill-gdid fostna b'rebhiet godda.

4. Quintus: Nizzikhom hajr, hbieb... Nittama li m'indimx ma nerga' l-ura b-ahbarijiet tajba... Did-darba, il-mawra tighi tfisser hafna. Il-Pirati jehtieg li jigu meqruda minn wicc il-bahar darba ghal dejjem u ghalhekk itolbu l-Allat ghalija.

5. Rufus : Hbieb, ahjar immorru... Qed isir il-hin.

6. Venus Romulus : Immorru... (Lil Quintus) Nixtiqulek kull gieh u rebh.

7. Quintus: L-Allat jisimghu talbkhom. (Romulus, Venus u Rufus johorgu. Quintus jdur fuq il-kmandant, u:)

Kmandant, irrid nara lil qaddiefa.

8. Kmandant: Kif tordna, Sire. (Jersaq lejn l-irsiera u jordnhom joqoghodu fila.) x'hin joghogbok, Sire, il-qaddiefa lesti.

(Quintus jersaq lejn il-qaddiefa u jibda jarhom wiehed wiehed. Meta jarhom kollha, jsejjah lil kmandant fil-genb:)

9. Quintus : Tafu lin-numru sittin?

10. Kmandant: Sire, bhal ma taf, il-gifen Astrea ghadu gdid. Il-qaddiefa darba biss ghadhom hadmu taht idejja.

11. Quintus: Dak iz-zaghzugh, mid-dehera tieghu huwa mill-Lhudija.

12. Kmandant: Iva, Sire.

13. Quintus : Ghadu ckejken.

14. Kmandant: Nghidlek li hu l-ahjar wiehed fost il-qaddiefa li ghandna.

15. Quintus : Sakemm lill-ohrajn tohodhom jieklu, irridek thallieh hawn, mieghi.

16. Kmandant: Tajjeb wisq, Sire... Tordna xi haga ohra?

17. Quintus : Ghall-issa, xejn izjed.

( Il-Kmandant jersaq lejn il-qaddiefa u wara li jordnhom iqumu, jersaq fuq Guda u jkellmu bil-mod. L-irsiera mal-kmandant johorgu u Guda jibqa wieqaf. Pawsa.

vi. xena.

1 : (Guda, bil-qajla, jersaq lejn Quintus u b'rasu baxxuta:)

1. Guda : Sire, Il-Kmandant taghna sejjahlek in-Nobbli Arjus... Qalli li tixtieq tkellimni... Jiena lest ghal kmandi tieghek.

2. Quintus: Il-Kmandant qalli l-int l-ahjar qaddief li ghandu taht idejh.

3. Guda : La darba jiena rsir, jehtieg li naqdi dmira, Sire.

4. Quintus: Titkellem tajjeb.... X'Nazzjon int?

5. Guda : Missirijieti huma eqdem mill-ewwel Ruman...Niesi huma Ebrajki.

6. Quintus: Minn kliemek, tidher kburi l-int wild il-Lhudija.

7. Guda : Sire... Il-kburija thossa l-izjed meta tkun marbut b'dawn il-ktajjen.

8. Quintus: Ma fhimtekx... Ghaliex?

9. Guda : Ghaliex dawn il-ktajjen (Jurieh il-ktajjen li ghandu m'idejh) jgaghaluk tahseb fil-grajja ta' pajjizek.

10. Quintus: Jiena qatt ma kont Gerusalemm, biss, nismaghhom isemmu il-princìijiet taghha... fosthom naf wiehed...Kien neguzjant famus... kien ibahhar, tista' tghid, ma' l-ibhra kollha... ghidli, int, binn minn int?

11. Guda : Missieri kien Princep ta' Gerusalemm... Kien Neguzjant u kien jbahhar ukoll... Kien stmat u maghruf minn kull-hadd, sahansitra mill-istess Awgustus.

12. Quintus: X'kien jismu, missierek?

13. Guda : Ithamar, Wild in-nisel ta' Hur.

14. Quintus: Wild Hur!... Int???

15. Guda : (B'rasu baxxuta) Iva, Sire... Wild Hur.

16. Quintus: Kont smajt b'dak l-attentat... Ruma kienet qamet agha wahda... Ma kontx nobsor li ghadek fost il-hajjin.

17. Guda : Wara li gejt mixli li riedt inehhi l-hajja ta' Valerius Gratus, gejt mitfugh fuq ix-xwieni bhala qaddief...Il-familja tieghi ma nafx x'sar minna... Sire, kieku tista' ittini xi hiel fuq niesi ....Kieku tista' tghidli fejn jinsabu.... (Quintus ma jwiegbux) Sire, jkollok hniena minni... Kellimni fuq ommi u ohti... Ghidli humiex hajjin jew mejta... Minn dak inhar, ghaddew ix-xhur... Nobbli Arjus... kull siegha, kull minuta.. jiena rajta seklu... Kemm ili fuq ix-xwieni, qatt ma hadt bi hbarhom... Ghadni nara lill-ommi u lill-ohti qed jigu mkaxkra l-barra mill-palazz... Ghadni inhoss dik l-ahhar tghannieqa li taghtni ommi... Dik l-ghajta t'ohti Tirzah... F'dawn ix-xhur, rajt tempesti kbar.. Gie li konna sejrin ngherqu u jien kont ninfexx nidhaq waqt li shabi, imbezzghin kienu jitolbu biex il-Mulej

: jehlishom mill-gharqa... Lili, l-mewt kienet isserrahni.... F'gieh in-nobbiltà tighek, Sire... Ghidli jekk ghadhomx hajjin...Hinja ma jistghux jkunu la darba jien ninsab mifrud minnhom... Imsieken... kont jien li xhetthom f'dan niket kollu.

1. Quintus: Ma tichadx li kont hati?

2. Guda : Nahlef fuq Alla ta' missirijieti u fuq l-Infinit Jehovah li jiena bla htija.

3. Quintus: Imma kif? Kif jista' jkun?

4. Guda : Nahliflek, nerga' nghidlek... Sire, ikollok hniena.. Itfa' ftit dawl fid-dlam li ninsab fieh.

(Quintus jibda jippassigga, jidher li qed jhoss ghaz-zaghzugh, imbaghad, f'salt wiehed jieqaf, u:)

5. Quintus: Mita u fejn saret il-kawza tieghek?

6. Guda : Lili, ma saritli ebda kawza, Sire.

7. Quintus: Ghaliex? Min issentenzjak?

8. Guda : Minghajr ebda kawza... minghajr ebda xhieda, tefghuni qaddief fuq ix-xwieni.

9. Quintus: U int, xixhieda stajt taghti li ma kontx hati?

10. Guda : Binn il-Princep Hur, qatt ma jasal biex joqtol b'gebla. Lil Valerius Gratus, jiena ma kontx nafu.. Kieku qatt dahalli l-hsieb f'rasi li noqtlu, qatt ma kont nipprova naghmel dan meta huwa kien mdawwar b'armata shiha... Stajt nara li ma kontx ser nehles mill-qilla tar-Rumani. Missieri, kien habib ta' Ruma... Fil-Lhudija kellna bosta bini u gid x'nitilfu... Il-qerda, ghalina, kienet haga sgura...L-imhabba li kelli lejn ommi u lejn ohti kienet izzommli idejja u thassarli kull hsieb li noqtol Gvernatur Ruman.

11. Quintus: Minn kien hieghek meta grat dik id-disgrazzja?

12. Guda : Ohti Tirzah.

13. Quintus: Jekk kemm il-darba int tigi mehlus, x'taghmel?

14. Guda : L-ewwel haga, infittex lill-ommi u lill-ohti...Jiena ma nistriehx qabel ma nerga' narhom migbura fil-palazz ta' missieri.

15. Quintus: Imma jekk dawn jinsabu mejta... Liema tkun l-ambizzjoni tighek?

16. Guda : Dak inhar li grati dik id-disgrazzja, kont qlajt is-sensja minn ghand ommi li nsir suldat...din, ghada l-istess xewqa tighi.

17. Quintus: Tajjeb. Issa, tista' tmur u m'irridekx toqoghod tibni kastelli fuq dak li ghedna.

18. Guda : Nizzikhajr, Sire... Ma ninsa qatt dak li ghedna bejnietna Int ma tistax torqod b'mohhok kwiet mita taf li taht idejk ghandek bniedem bla htija.

1. Quintus : Mur, mur ghid lil Kmandant jigi hdejja halli nkellmu.

2. Guda : Nobdik, Sire. (Johrog)

vii. xena.

3. Quintus : Ma nistax nifhem... Gratus ghamel wisq hazin meta ikkundanna bniedem bla ma starreg il-kaz tieghu.

viii. xena.

(Jidhol il-Kmandant u wara li jsellem lil Quintus:)

4. Kmandant: Sire!...

5. Quintus : Xi kemm baqaghalna biex nsalpaw?

6. Kmandant: Ix-xini ma jonqosha xejn hlief l-int titla abbord, Sire. U issa hawn dal-messagg li ghadu kemm wasal issa. (Inewwillu balcmina, marbuta b'sigarella. Quintus iholl iz-zigarella, jiftah il-balcmina u jaqra:)

7. Quintus : "Quintus Arius,

Il-Pirati jinsabu fl-Ibhra ta' Janais; sewwa, sew, fid-dahla tax-xmara. Il-qawwa taghhom, tghodd madwar sittin xini rmati b'kull ma jinhtieg... Il-kmand huwa grieg. Caesar jordna l-int titlaq minnufieh biex tiltaqa' ma' l-ghadu. Cecilius."

(Lil Kmandant:) Immorru. L-Allat ituna x-xorti li naraw lil Pirati taht il-jasar ta' Ruma. (Johorgu)

(Il-Palk jintefa ghal ftit sekondi)

<u>TIENI KWADRU</u>

i. xena.

Xena: L-istess ta' l-ewwel kwadru, biz-zieda ta' mejda jew tnejn, b'xi banketti madwarhom. Xi fizzjali jidhru bilqegheda madwar l-imwejjed, jilghabu l-karti u jixorbu. Fuq l-imwejjed, tazzi u buari bix-xorb)

ii. xena.

(Jidhol Messala, kburi u dahqan)

8. Messala: Ili nfittxkhom hafna... Fejn il-minghul gejtu?

9. ∅ Drusus : Gejna nistennew lil habib taghna Quintus Arjus.

10. Messala: Quintus Arjus?

11. ∅ Drusus : Kif? Ghadek ma smajtx bil-wasla tieghu?

12. Messala: Le.. ma smajt xejn....

13. Rufus : Dal-waqt tarhom hawn.

14. Messala: Hemm xi hadd iehor mieghu?

15. Rufus : Iva, hemm ibnu.

16. Messala: Minghalija, Quintus m'ghandux tfal.

17. Venus : Ghandek ragun, imma f'din l-ahhar battalja li kellu,
(∅ Aqra Venus) Quintus tilef il-gifen li kien fuqu u gie mehlus mill-gharqa minn wiehed irsir li kellu abbord... Bhal hlas lil dan addottah bhala ibnu.

Messala: U dan, Ruman ukoll?

2. Rufus : Le!... Iz-zaghzugh huwa Lhudi.

3. Messala: Imma dan, huwa nsult lil Ruma.

4. Venus : Quintus kellu ragunijiet tajba li jaghmel dan..Bhal m'ghedtlek... Iz-zaghzugh helsu mill-gharqa....Hekku... Quintus wasal.....

5. Rufus : Hbieb!... Qumu u hejju ruhkhom biex nilqghu lil habib taghna Quintus Arius.

(Kullhadd iqum u ilesti biex jifrah bi Quintus. Messala jersaq mal-genb u jidher indifferenti, anzi aktarx juri ruhu nkwiet. Quintus flinkien ma Guda u xi hbieb ohra jitfacca fost l-ghajjat ta:)

Viva Ruma!...

Viva Quintus Arius!...

6. Quintus: Hbieb, ma nistax infissrilkhom dak li qed inhoss f'qalbi bhall-issa. Il-ferh tieghi huwa kbir... Ix-xorti riedet li nerga' nidher fostkhom, imma, m'hux minghajr il-hila u l-qlubija ta' dan iz-zaghzugh... Meta l-gifen tieghi gie mahruq u jien sibt ruhi l-bahar... Dan kien li helisni... sahti kienet marret ghal kollox... Li ma kienx hu, kieku l-kum m'ghadnix nghodd mal-hajjin...Ta dak li ghamel mighi, jien irrid nirrikompensah... Quddiemkhom nipproklamah bhala iben wahdani tieghi u niddikjarah werriet tighi. Ma' gidi, irrid intieh ukoll isni... Guda, mil-lum il-herm, int tkun maghruf bhala iben Quintus Arius. Hbieb, nitlobkhom, l-inthom thobbuh bhal ma habbejtu lili....

7. Venus : Mil-lul il-herm, nghodduh bhala wiehed minna.

8. Rufus : Habib tal-qalb....

9. Quintus: Ghadni m'ghedtilkhomx kollox... F'din l-ghodwa, ibni ser ihallini ghal ftit taz-zmien... Huwa sejjer jara xi qraba li ghandu fil-boghod u ghalhekk, jein, qabel jitlaq, irrid naghmillu festa... Irridkhom tixorbu bis-sahha tigheu.

10. Venus : Iva... Xieraq li ahna nissiehbu maghkhom f'dan il-ferh.

11. Rufus : Nixorbu bis-sahha tal-hbiberija taghna.

12. Guda : (Kommoss) Nizzik hajr, o Benefattur tieghi... Jiena ma ninsa qatt dak li ghamilt mieghi f'din l-ghodwa. Lilkhom ukoll nizzikhom hajr... li gharaftuni bhala habib taghkhom.

13. Quintus: Issa, nistghu jmmorru.

iii. xena.

(Messala jsegwi lil Guda b'ghajnejh u meta johrog kullhadd:)

14. Messala: Guda!... Guda hieles mill-gdid...X'jigri jekk jaghrafni? Ix-xorti qegheda mieghi...Zewg versi lil Valerius Gratus huma bizzejjed biex nehles minn dan l-ixkiel. (Imbazza johrog jghaggel il-barra)

Siparju malajr.

TIELET ATT.

L-Ewwel Kwadru.

Xena: .............. 

Sala rikka fid-dar ta' Simonides, rmata bi stil Lhudi.

...........

i. xena.

Simonides bilqiegheda fuq pultruna bid-dhar gholi. Ester fuq pultruna, taqra. Kultant taghti harsa fuq missiera u terga' taqra.

ii. XENA.

Jidhol Malluch u wara li jsellmilhom billi jitbaxxa quddienhom:)

1. Malluch : Ja Sidi, ghadu ~~kemm wasal wiehed~~ zaghzugh, jiztieq ikellmek.

2. Simonides : Ma qallek ~~x ismu, Malluch?~~ min hu, Malluch?

3. Malluch : Ma qallix, Ja Sidi.

4. Simonides : Ghidlu jghaddi. (Malluch isellem u johrog)

iii. xena.

5. Ester : ...Min setgha gie jzurna hekk kmieni.

6. Simonides : Dashekk ninsab kurjus, binthi... Naraw... naraw x'inqala.

iv. xena.

7. (Jidhol Malluch u warajh, Guda: Malluch johrog u Guda, isellem, u:)

7. Guda : Jekk int huwa ~~Simonides, il-negozjant~~ Simonides in-negozjant t'Antijok, il-paci tal-Mulej, mieghek. (Hawn ihares lejn Ester, u:) Is-Sliem o xbejba t'Israel.

8. Ester : Is-sliem, u l-paci mieghek.

9. Simonides : Jien huwa ~~Simonides li qieghed issemmi~~ Simonides li semmejt...Inroddlok is-sliem li tajtni, waqt li nixtieq inkun naf ma min qed nitkellem.

10. Guda : Jien huwa Guda, iben wahdani ta' Ithamar, il-Princep Hur ta' Gerusalemm.

11. Simonides : (Waqt li jinhasad u jghaqqad il-ponnijiet bhala sinjal ta' inkwiet) Il-Princpijiet ta' Gerusalemm, dejjem gew milqugha fil-palazz tieghi. Oqoghod bilqegheda habib u ghidli x'ghandek bzonn.

12. Guda : (Waqt li joqoghod bilqeghda:) Qaluli l-inti taf lil missieri.

13. Simonides : Iva, Lil Princep Hur kont nafu tajjeb. Bosta drabi hdimna flimkien u hafna drabi qsamna l-qliegh. Ester, gib ftit inbid ~~lis-sinjur...~~ Wara nixja biex wasalt s'hawn, nahseb li int bil-ghatx. (Waqt li Ester tlest ix-xorb, Simonides ikompli:) Il-habib tieghi kien jithaddet fuq missierek ta' sikwiet... Il-palazz taghkhom huwa ~~msemmi ghal qdech~~ tieghu.

(Ester tersaq lejhom bl-inbid)

14. Simonides: Nixorbu bis-sahha tal-hbiberija taghna.

15. Guda : Bis-sahha ta' Gerusalemm. (Jixorbu u Guda ikompli)

1. Guda : Jekk m'inhix sejjer zball, int kont tghix fl-istess palazz ta' missieri.

2. Simonides: Habib, jekk trid li nkomplu nitkellmu fuq dan, jehtieg li qabel inkun sgur l-int iben il-Princep Hur.

3. Guda : X'xhieda nista' natik ta' kliemi ghajr li nghidlek il-grajja tighi?

4. Simonides: Tkellem... Qed nisimghek.

5. Guda : Bhal ma nahseb li taf, jien ommi u ohti, konna nghixu fil-palazz li hallielna missieri... Jum fost l-ohrajn, waqt li kont fuq il-bejt flimkien ma' ohti, nara l-armata ta' Valerius Gratus, ghaddejja minn taht il-palazz taghna, waqghet gebla minn taht idi u lqatt lil Gvernatur fuq rasu.

6. Simonides: Dan, kont smajt bieh... U x'gara, wara?

7. Guda : Ir-Rumani ghamlu herba shieha mill-palazz taghna... Jiena, ommi u ohti gejna mkaxkra l-barra u mifruda minn xulxin... Jien kont gejt mibghut fuq ix-xwieni bhala qaddief u rsir ta' Ruma.

8. Simonides: Kompli... Qed nisimghek.

9. Guda : F'battalja li kelna mal-Pirati, il-gifen li kont fuqu gie mahruq u ghereq fi ftit minuti... Il-kmand tal-flotta kien f'idejn Quintus Arjus u dan flimkien maghna sab ruhu l-bahar, jghum... Ir-rebha kienet tieghu... Il-Pirati kienu gew meqruda u ghalhekk meta sab ruhu l-bahar beda jghajjat ghajjut. Jien ma kontx hoghod minnu wisq... bdejt nghum lejh u tajtu tavla biex jistrieh maghha. Hadd izjed ma heles mill-gharqa, hlief jiena u hu. Wara tliet-ijiem li konna ilna nghumu, gejna merfugha minn xini ohra u mwassla f'Mizenum.

10. Simonides: Kontu xortikhom tajba.

11. Guda : Ghal dak li ghamilt mieghu, huwa hallasni billi addottani bhala ibnu u hadni mieghu Ruma. Sakemm domt hemmhekk, jiena stharrigt l-armi u l-lim nista' nghid li dis-sengha nafha tajjeb.

12. Simonides: Qed niehu gost nisimghek tghid hekk... Ulied il-Lhudija huma nieqsa wisq minn din is-sengha...

13. Guda : Minn Ruma, tlaqt ghal Antijok fejn wasalt hawn ftit ilu. Waqt il-vjagg sirt naf li l-gifen li kont fuqu, kien tighek... sirt naf ukoll bil-lant l-int ghamilt minn-negozju tieghek u smajt ukoll bil-flotta kbira li ghandek. Twajjeb Simonides, jien gejt f'Antijok biex infittex lilek... F'dan l-vjagg li ghamilt, sirt naf l-int kont l-irsir fidil ta' missieri.

(Simonides ibaxxi rasu u ma jwiegibx)

Milli qed nara ghadek m'emmintx dak li ghedtlek.

1. Simonides: Kompli... kompli...

2. Guda : S'hemm tasal l-grajja tieghi... Jien gejt f'Antijok ghal zewg hwejjeg... l-ewwel biex infittex lilek u t-tieni....

3. Simonides: U t-tieni?

4. Guda : U t-tieni biex nithallas minn bniedem li firidni minn ommi u minn ohti.

5. Simonides: U minn hu, dan?

6. Guda : Messala c-Centurjun... Dak stess li f'zoghziti kien l-akbar habib tieghi.

7. Simonides: U ghaliex, dan, sar joboghodok daqshekk?

8. Guda : Ghaliex riedni nichad twemmini;;. art twelidi...Riedni nissielet kontra huti... Riedni nsir Ruman u nichad lil Mulej, Alla ta' missirieti.

9. Simonides: Ix-xewqa l-int tidhallas minn dal-bniedem, turini l-int sofrejt hafna... Liema hu l-pjan tal-vendetta tieghek? Jiena nista' niswielek hafna.

10. Guda : Il-pjan tieghi huwa hafif. Bhal ma taf, huwa wzu tal-pajjiz li jssir tigrijà fl-arena.

11. Simonides: Iva.

12. Guda : Dis-sena, irrid niehu sehem f'dik it-tigrija.

13. Simonides: B'daqshekk?

14. Guda : B'daqshekk irrid nohrog rebbieh fuq Messala quddiem il-poplu lhudi.

15. Simonides: Habib, kun af li Messala huwa maghruf ghal hila tieghu fis-sewqan tal-bhejjem... Ilu bosta snin johrog rebbieh.

16. Guda : U jiena nghidlek li dis-sena johrog tellief.

17. Simonides: B'liema bhejjem sejjer tinqeda?

18. Guda : Ta' Shejk Ilderim.

19. Simonides: Dan huwa habib tieghi...Kompli, kompli, habib....

20. Guda : Ma baqaghlix xi nghidlek... Milli tidher ghadek m' inthix sgur minn dak li ghedtlek... F'idejja m'ghandi xejn x'nuri li jiena iben Ithamar, il-Princep Hur.. Dawk li setghu jixdhu ghalija, jinsabu jew mejta jew mitlufa. Qabel nitlaq, irrid nghidlek kelmtejn ohra. Jiena ma gejtx infittxek biex naghmlek irsir tieghi mill-gdid... ma gejtx biex nohodlok il-gid l-int ksiebt b'gharaq gbinek... Dak li hdiemt ghalieh int, huwa tieghek... Jien gejt hawnhekk biss biex nara tafx ittini xi hiel fuq ommi u ohti... Simonides, f'gieh il-Mulej... Jekk taf xi haga fuq niesi, ikollok hniena... ghidli fejn huma... tarrafli kelma wahda biss... Ghidli jekk humiex hajjin u jekk huma mejtin, ghall-inqas, ghidli fejn gew midfuna.

(Ester tidher kommossa, qed timsah ghajnejha mid-dmugh )

1. Simonides: Jien ghedtlek li l-Princep Hur kien habib tieghi...Kont smajt bid-disgrazzja li garrbet il-familja Hur... Dak stess li kien kagun taghkhom, kien ukoll il-kagun tighi. Ma kienitx l-ewwel darba li jiena staqsejt ghall-armla Hur... Qatt ma hadt bi hbara (Ibaxxi rasu u b'lehen kommoss) Iz-zewg nisa ma deherux aktar.

2. Guda : (Imbikki) Imsejkna ommi!... Imsejkna Tirzah! Jekk qabel kelli xi tama li ghad insibhom, issa kollox mitluf... Twajjeb Simonides, nitolbok tahfirli jekk bil-migja tieghi sewwiddlek qalbek... Dik il-qalb li tkun marida ma tistax tfehrah qalb ohra... Sejjer, Simonides...Jekk qatt tisma bi hbarhom, nitolbok li tfittixni u tgharrafni minnufieh... Is-Sliem ghalikhom.

3. Simonides: (Minn taht l-ilsien:) Is-Sliem.

(Ester tidbaxxa quddiemu b'tislima ta' qima)

v. xena.

(Simonides jibqa' b'rasu baxxuta. Ester tersaq lejh u tibda izzighel bieh. Wara pawsa:)

Ester, sejjah malajr lil Malluch.

(Ester tersaq fuq il-bieb u jccapcap idejha.)

vi. xena.

(Jidhol Malluch)

4. Malluch : Ja Sidi!

5. Simonides: Ersaq l-hawn... Irridek taqdini.

6. Malluch : Jiena huwa l-irsir tieghek... Ghidli xi trid minni.

7. Simonides: Rajtu dak iz-zaghzugh li ghadu kemm hareg minn hawn?

8. Malluch : Iva, ja Sidi.

9. Simonides: Irridek tmur warajh... Irrid inkun naf fejn imur... Jekk tisma minnu xi tahdida, irridek tgharrafieli kelma b'kelma.

10. Malluch : Kif tordna, ja Sidi.

11. Simonides: Mur warajh... Titlifx zmien.

(Malluch jidbaxxa quddiemu u johrog)

vii. xena.

12. Simonides: Ghaziza Ester, il-jum tal-lum, ma ninsieh qatt. Il-lum, ghandna ghixrin mir-raba' xhar tas-sena... Bhal-lum, sew, hames snin ilu, Rakela tighi, l-ghaziza ommok, mietet bil-ghali tighi. Kienu haduni d-dar b'ghadmi mfarrak u minn dak inhar ma tharriktx izjed. Fuq il-mewt t'ommok Rakela, jiena sibt ruhi f'dalma tal-biza, imma mbaghad, biz-zmien, f'did dalma, bdejt nara dawl, dawl li kull ma jmur beda ifegg u jisbieh.

(Jitfa' idu fuq ras binthu)

Nizzikhajr o Mulej li tajtni din ix-xbejba... Fix-xbija taghha, nara lil Rakela tighi mimlija bil-ghonor Ester, waqt li dak iz-zaghzugh kien qed ikellimni, donni lmahtek tingibed lejh... rajtlhek ghajnejk

: idenmghu... Ester, ghaliex, qalbhek hasset daqshekk ghal dak iz-zaghzugh?

1. Ester : Missier, kliemu nikkitli qalbi ghal kollox.

2. Simonides: Ghaziza tighi, temmen int, li dak iz-zaghzugh huwa iben Hur?

3. Ester : Jekk m'huiex...

4. Simonides: Kompli, binthi... Ghaliex waqaft?

5. Ester : Jekk dak li qal m'hux minnu, nghidlek li l-qerq qatt ma deher tassew f'ghajnejja daqs il-lum.

6. Simonides: U temmen li missierek kien irsir tal-Princep Hur? (Ester ma twiegbux)
7. Il-lum, m'ghadekx ckejkna.. Il-lum, int, tiflah tisma grajjiet ta' niket... Jekk taghmel ftit tal-hila, nghidlek dak li ghadda minghalija.

7. Ester : Ghidli missier, haga sabieha li nkun naf il-grajja ta' niesi.

8. Simonides: Ester, jiena kont twelidt fuq ix-xmara ta' Hinnom. Ommi u missieri kienu Ebrajki u kienu ukoll irsiera. Meta tfarfart sewwa, kont gejt mibjugh lil Princep Hur. Ma domtx wisq irsir tighu, ghaliex wara ftit gejt mibjugh lil Erodi. Domt sebgha snin mas-Sultan, imbaghad gejt mehlus ghaliex il-Ligi, ta' Mosè tghid li wara daz-zmien, l-irsir jigi mehlus.

9. Ester : Imma, missier; dan juri li ma bqajtx irsir tal-Princep Hur.

10. Simonides: Kompli jsmaghni. Id-destin ried li jiena niltaqa' m'ommok fil-Palazz ta' Hur. Kif rajtha l-ewwel darba habbejta u tlabt lil Princep biex ibehhieli. Dan kien lest biex itieha l-helsien, imma ommok ma ~~ried~~ rieditx tabbanduna lil familja Hur, tant, li qaltli: "Jekk tridni tassew b'siehba tighek, jehtieg li jssir irsir bhali". Bhal m'ghedtlek, jien kont inhobba u ghalhekk tjassart mill-gdid.

11. Ester : Tassew kont thobba biex ghamilt dan, missier.

12. Simonides: Rakela, ghalija kienet tfisser kollox. X'kien jiswa li jiena kont hieles la darba dik li kont inhobb kienet irsira?

(Ester tbus ras missiera)

13. Simonides: Biz-zmien, jiena sirt l-irsir fidil tal-Princep. Meta ma kiex ikun fil-palazz, gidu kont imexxieh jien. Darba minnhom kien imsiefer u ghal gharrieda hadna l-ahbar li l-Princep kien ghereq bix-xini f'maltempata in-naha tal-Grecja.

14. Ester : X'disgrazzja!...

1. Simonides: L-Armla Hur, talbitni biex inkompli niehu hsieb il-gid ta' zewga. Meta sar dak l-incident fuq Valerius Gratus, dan iz-zaghzugh li ghadu kemm hareg gie mixli li jttanta joqtlu u lil ommu u lil ohtu tefhuhom f'wihed mill-katakombi tal Gudea. S'hawnhekk, jien kont ghadni ma smajt xejn b'dik id-disgrazzja u meta rgajt l-ura, gejt maqbud u mitfugh fil-habs t'Antonja. Gratus ried jaf fejn kienu mohbija t-tezori tal-Princep Hur. Dawn, bil-hidma tieghi kont kabbarthom u ghalhekk ma riednx nghid fejn kienu. Meta raw li jien bqajt sieket, gejt imsawwat b'mod li kissruli ghadmi kollu. F'dik is-sura li kont baghtuni lejn id-dar... Ommok ma felhitx taramni u ftit xhur wara, l-imsejkna mietet bil-ghali tighi. Binthi, il-gid tal-familja Hur ghadu f'idejja u issa, li ghedtlek kollox, irridek tghidli x'ser naghmel.

2. Ester : Ghaliex qed thabbel rasek, missier? Il-gid li qed issemmi ghadu kemm kien hawn sidu.

3. Simonides: U int? Int x'isir minnhek jekk nitlaq dak il-gid minn idejja? Jien ikolli nitjassar mill-gdid....

4. Ester : U jien, nitjassar mieghek.

5. Simonides: (Waqt li jhaddanha mieghu:) Ghaziza Ester, kieku ma kellix lilhek, lil dak iz-zaghzugh, kont nurieh minn jien mill-ewwel;;; kont nghidlu li l-gid li ghandi huwa kollu ta' missieru... X'ser naghmel, binthi?

6. Ester : Missier, jekk izzomm dak li m'hux tieghek, tkun qieghed tidneb.

7. Simonides: Allura m'ghandix naghmel hag'ohra ghajr li ninxtehtu f'riglejn dak iz-zaghzugh u nitolbuh jilqaghna b'irsiera tieghu.

(Ghal ftit sekondi, il-palk jintefa fid-dlam)

<u>TIENI KWADRU</u>.

i. xena.

Xena: l-Istess. Meta l-palk jerga' jiddawwal, Simonides u binthu jidhru bilqegheda, hosbiena.

ii. xena.

(Jidhol Malluch)

8. Malluch: Ja Sidi!...

9. Simonides Ghaddi, Malluch... Fittex ghidli x'ahbarijiet ghandek.

10. Malluch : Wara ftit li dak iz-zaghzugh telaq minn hawn, jien sirt habib tieghu. Dik il-lejla stess, talabni naqdieh.

11. Simonides: U dil-qadja, x'kienet?

12. Malluch : Riedni immur nitkixxef il-qisien tal-karru li bieh ser jigri Messala.

13. Simonides: Irnexxielek?

14. Malluch : Iva u mal qisien ksiebt taghrif iehor.

15. Simonides: Jaqaw?

16. Malluch : Minn fejn kont mistohbi, smajt lil Messala jaqra ittra kontra dak iz-zaghzugh u kontra Sheik Ilderim.

1. Simonides: Il-hajja taø dak iz-zaghzugh, hija prezzjusa ghalija. Jehtieg li din l-ittra taqa' f'idejja.

2. Malluch : Jekk trid, tista'.

3. Simonides: B'liema mod?

4. Malluch : Messala ghandu jibghat din l-ittra b'zewg kurrieri. Wiehed ghandu jitlaq bil-bahar u l-iehor, bl-art. Lil dan, nistghu nwaqqfugh.

5. Simonides: Malluch, din l-ittra jehtieq li taqa' f'idejja...Inhalli fi hsiebek.

6. Malluch : Tkun obdut, ja Sidi.

7. Simonides: Haffef u qis li ma tergax l-uBa minghajra.

(Malluch jitbaxxa quddiemu u johtog.)

8. Simonides: Inthix tara, binthi...(Ester tersaq lejh) Sewwa jghidu, it-tjubija tal-Mulej hija bla tarf... Fil-waqt li jiena xjaht... meta wasalt biex inhalli dal-gid kollu warajja, Huwa laqqaghni ma sid dan il-gid..... Imma, Ester... ghaliex qed narak qalbek sewda? X'inti tahseb?

9. Ester : (B'ghajnejja fissi lejn l-art) . Quddiem ghajnejja qegheda nilmah lil dak iz-zaghzugh straxxnat mizzwiemel ta' dak ir-Ruman. Qalbi tghidli li Guda ser johrog tellief... Missier, jekk trid, int, tista' tehilsu... Ibaghat ghalieh issa stess u itolbu biex ma jiehux sehem f'dik it-tigrija.

10. Simonides: U ghaliex ghandi naghmlu, dan?

11. Ester : L-Arena m'hix lok wield il-Lhudija.

12. Simonides: Tkunx belgha... Guda johrog rebbieh... Sakemm Guda ghazel l-arena bhala mezz tal-vendetta tieghu, m'ghandekx tahseb li ser jonqos mill-hila... Meta jerga' l-ura rebbieh fuq dak il-mishur Ruman, huwa jkollu taht idejh il-flotta tieghi, flusi w l-bini kollu li ghandi taht idejja. B'dan kollu, jiena m'inhossx li ser niftaqar jew li ser inhossni umiljat...Sakemm int tibqa' mieghi.... Ester... tahseb li ~~ghad~~ int ghad tkun tieghu wkoll? (Ester tbaxxi rasha) Wigibni... Ikun ahjar li nkun naf x'ghandhek f'qalbek.

13. Ester : Missier, ghaliex qed tahseb dan? Ghalkemm dak iz-zaghzugh jista' jisraqli mhabbti, jiena m'inhallik qatt...( Dbus wicc missiera)

14. Simonides: Imma ghidli, inti thobbu?

15. Ester : Iva, missier... M'irridx nahbi minnek...Mita rajtu l-ewwel darba, hassejtni ningibed lejh...u l-lum, meta niftakar li ser jiehu sehem fl-arena, inhossni nitwerwer.

16. Simonides: Binthi, jekk hija r-rieda tas-Sinjur l-int tkun tighu, jiena mbierek l-imhabba taghkhom. Liema gieh ikun akbar minn dak li narak imzejna bl-isem ta' Principessa? Fl-ahhar nifs ta' hajti, m'insellimlhekx bhala bint l-irsir Simonides, imma bhala l-Principessa Hur.

## TIELET KWADRU.

i. xena.

Xena: L-istess. X'irsiera jidhru qieghdin ihejju l-mejda ghall-ikel. Simonides bilqegheda u binthu Ester ma genbu.

1. Simonides: Ebda gieh m'hu bizzejjed biex bieh inqimu lil Princep kif jixraqlu.

2. Ester : Emminni, missier, ghadni ma nistax nemmen li Guda hareg rebbieh fuq Messala.

3. Simonides: Din hija daqqa ta' harta ghal Ruma. Messala gie mkaxkar u straxxnat mill-bhejjem ta' Shejk Ilderim. Ester, int kont tahseb li Guda ser johrog tellief. Messala jinsab mixhut f'sodda li minna m'iqumx izjed. Min jista' jghid is-somom kbar li tilfet Ruma fl-imhatri li ghamlet ma Gerusalemm? Ruma li l-kburija u s-suppervja taghha ma jitfissrux... Ruma li ghalieha ma jista' hadd, rat it-telfa taghha fil-waqa ta' Messala. Ester, irrid li kollox ikun imhejji kif jixraq. F'din l-ghodwa irrid naghti gieh lil Princep Hur flimkien ma'x-xwejjah Baltassar u Sheik Ilderim. Irrid li fuq il-mejda ma jkun jonqos xejn u fl-ahhar, ghaziza tighi, hejji ruhek biex toffri lilhel in-nifshek bhala rsira tal-Princep.

4. Ester : Fija n-nifsi, ga qed inqis ruhi bhala rsira, missier.

5. Simonides: Mal-Princep, ahna, m'inkunux batuti.... (Jidhol Malluch)

ii. xena.

Ersaq, Malluch... X'ahbarijiet ghandek?

6. Malluch : L-ittra tinsab f'idejja, ja Sidi.

7. Simonides: Int m'hawn bhalek... (Malluch inewwillu l-ittra u Simonides jaqraha bil-mod (f'qalbu). Ha..ha...ha... U b'din l-ittra riedt teqred lil Princep Hur...Hekku l-Id t'Alla... Int, issa tinsab bhali... Kont int li lili sammartni ma' din il-pultruna u issa int tinsab fl-istess qaghada... Ma kienx bizzejjed li qriedt lil ommu u lil ohtu? Tfajtu taht il-pis tal moqdief u issa trid ukoll tisraqlu hajtu... M'irnexxielekx, Messala, m'irnexxielekx.. Int tinsab ikkundannat ghall-ghomrok biex tghix bhali, bilqegheda dejjem... Qatt ma tqum fuq riglejk... qatt izjed... Int avvilut u mishut minn dak il-poplu li mort inghaqaghad mieghu.

iii. xena.

(Jidhol Abdul)

8. Abdul : Inhabbarlek il-wasla tal-Princep Hur ta' Gerusalemm, Sheik Ilderim u l-gharef Baltassar.

9. Simonides: Jghaddu, jghaddu, qieghdin nistennewhom.

(Abdul johrog u wara ftit jerga jidhol mal-persunaggi imsemmija. Abdul jerga' johrog. Ester, issa tinsab wieqfa, wara l-pultruna ta' missiera.)

Merhba bikhom, hbieb... Ghaddu, dari hija darkhom.

10. B altassar Is-Sliem u l-paci tal-Mulej, maghkhom.

1. Guda : Is-Sliem, hbieb.

2. Ildęrim : Il-Paci maghkhom.

3. Simonides: Nifirhulek o Princep... Nifirhulek minn qalbna gharrebha li ksiebt fuq ir-Ruman Messala... Il-qlubija li urejt fl-arena, ma tintesa qatt.

4. Guda : Thallast minnu kif kien jixraqlu.

5. Ilderim : Messala kien bniedem kiefer... Inhossni m'irridx nemmen dik ix-xena meta thaltu fuq xulxin... Kienet dehera tal-biza...Meta rajtu mixhut fl-art, taht riglejn il-bhejjem, hassejtni nitkexkex... Simonides, dak inhar, int tlieft xena li ma tintesa qatt. Dik it-tigrija ma saritx ghal flus, imma saret ghal gieh ta' Ruma u ta' Gerusalemm.

6. Guda : Kienet tigrija ghall-istess hajjitna.

7. Baltassar : Jiena l-istess, dawk il-hinijiet ghadni ma nistax ninsihom... U kif thaltu fuq xulxin?

8. Guda : Meta Messala ra li ma setghax jaqtaghni, beda riesaq lejn il-karru tighi u hawn, beda jxejjirli bin-nerv fuq wicci. kelli noqoghod b'sebgha ghajnejn li ma jolqotnix. Meta rajt li ried jirbahli permezz tan-nerv, dawwart kemm, kemm il-karru tighi, b'mod li qbadtlu r-rota bil-fus tighi u allura Messala, il-kbir Messala, sab ruhu taht il-karru, imkaxkar mill-istess bhejjem tighu.

9. Simonides: Hbieb, il-lum stedintkhom ghandi halli nifirhu u nixrbu bis-sahha tar-Rebha li ghamlet Gerusalemm fuq Ruma bil hila taz-zaghzugh taghna, il-Princep Hur. Ester, nisthu nibdew. Ersqu hbieb, ersqu mal-mejda halli nieklu xi haga.

(Ester iccapcap idejha u maljar jidhlu x'irsiera bl-ikel fuq dixxijiet tal-fuhhar. Abdul jidhol bi sjuna u xugaman abjad. Il-persunaggi jahslu idejhom u meta ilestu Baltassar iqum bilwieqfa u b'lehen ix-xjuhija:)

10. Baltassar: O Mulej, missier il-hlejjaq kollha, minn qiegh qalbna nitolbuk li tbierek dan l-ikel u dan l-imbid...Nitolbuk li tilqa' il-qima u t-talb taghna biex dejjem nimxu skond ir-rieda tighek.

(Joqoghodu bilqegheda)

Din hija talba li kont nghid qabel l-ikel flimkien ma huti, Gaspru u Melkiorr.

11. Guda : Il-habib taghna Ilderim, qalilna li f'dil-lejla ghandek tghidilna xi haga fuq it-twelid tal-Messija.

12. Ilderim : Iva, nixtiequ nisimghu dik il-grajja .. Int kont hemm u ghalhekk tista' tghidilna ahjar minn haddiehor.

13. Ester : Jien wkoll niehu gost nisimghek, xwejjah gharef.

14. Simonides: Iva, habib... Dik il-grajja, jien ma nixba nismaghha qatt.

Baltassar: Il-grajja tighi, ta' Gaspru u Melkjorr, m'hix grajja ta' sikwiet, imma grajja wahdanija, mill-holqien tad dinja. Bosta drabi fi ckuniti kont nohlom u l-holm tighi kien ikun dejjem fuq il-Mulej. Fuq dak li kien ghad irid jigi. Waqt li kont inkun mitluf fin-nghas, kont nisma min jghidli li matul iz-zmien, kellu jidher bniedem, imssjjah Gesù ta' Nazzareth. (Jixorbu ftit imbid) Darba wahda, bil-lejl, kont ninsab bilqegheda, fi xtajta, hosbieh. Is-sema kien safi minn kull shaba... f'salt wiehed, kewkba deheret tfegg minn wicc il-bahar u minnufieh, ittajret ghal fuq rasi. Tant kienet fil-baxx li stajt naqbadha b'idi. Il-biza ha setgha minni. Inzilt gharkuptejja u ntfajt wicci ma' l-art. Kienet xena tal-biza ... kienet xena ta' ferh fl-istess hin. Lehen, li qatt ma smajt bhalu, qalli dawn il-kelmiet: "O Iben Izraim, il-barka tal-Mulej nizlet fuqek u talbek gie mismugh. Flimkien ma' tnejn ohra, gejtu maghzula biex taraw u tixdhu ghat-twelid tal-Messija. Ma' tlugh ix-xemx, qum u mur iltaqa' ma' Gaspru u Melkjorr. Mita taslu Gerusalemm; staqsu: "Fejnu Dak li twieled, msejjah Sultan tal-Lhud?" "Ahna rajna l-Istilla tigheu u gejna nadurawh."

2. Simonides: Xi grazzja sabieha, kinet din ghalik.

3. Guda : Gieh moghti minn Alla n-nifsu.

4. Ilderim : Xorti wahdanija fid-dinja.

5. Ester : Kemm nixtieq li kont xara minn gismek...

6. Baltassar: Mas-sebh, tlaqt lejn id-desert fejn iltqajt mat-tnejn l-ohra. Dik il-kewkba regghet fegget quddiemna u baqghet mixja maghna sakemm wasslitna f'ghar ckejken fejn kien twieled il-Messija. F'dak il-Ghar, ilmahna lir-Rabbi Guzeppi, il-mastrudaxxa u f'Maxtura, fuq ftit tiben, kien hemm tarbija u hdejha, Marjam, bint Gjakkinu. Inzilna gharkuptejna, naduraw dik it-tarbija.

7. Ester : Xi gmiel!... X'hena!...

8. Baltassar: Is-Sultan Erodi, kien semgha b'dan it-twelid...Minghajr hniena ordna l-mewt tat-trabi... Kemm u kemm ommijiet bkew it-telfa' ta' uliedhom?

9. Guda : Habib, tista' tghidilna x'sar minn dik it-tarbija? Fejn setghet marret u ghalfejn giet fid-dinja?

10. Baltassar: Kieku nista' nwiegbek, kieku intir ghal hdejh minnufieh Hadd ma jaf x'sar minn dik it-tarbija... Ahna ficcenieh imma kien ghalxejn... Il-lum, dik il-kreatura, ghandha madwar it-tletin sena... Jiena nghidilkhom li m'iddumx ma tidher fostna mill-gdid. (Jieklu u jixorbu)

11. Simonides: U issa, li kullhadd qal xi haga, imiss lili li nitkellem. Imiss lil Ester tkompli mieghi. M'inhix ser inkellimkhom fuq grajjiet li jitkellmu minn haddiehor, imma sejjer inkellimkhom fuqi. Lilek, zaghzugh qalbieni, sejjer inkelmek quddiem dawn iz-zewgt-ihbieb biex jiswewli bhala xhieda.

12. Ilderim : Minn kliemek, donnok ser tghidilna xi haga kbira.

1. Guda : Jekk hi xi grajja ta' niket, nitolbok li nhalluha ghal darb'ohra.

2. Simonides: Jehtieg li tisimghuni. Ftit ilu, int gejt izzurni biex titkixxef dwar ommok u ohtok. Int ghedtli li kont taf li jien kont irsir ta' missierek. Dak inhar, jien ma stajtx nilqa' kliemek, hekk malajr, riedt inkun sgur minnek u l-lum, li ma ba qaghli ebda dubju, m'inhix qieghed inkelmek izjed bhala n-Neguzjant Simonides t' Antijok, imma bhala rsir tighek... Dan li qed nghid, jghodd ukoll ghal binthi Ester... Quddiem dawn ix-xhieda natik l-istima tal-gid li kellu l-mejjet missierek... Ester, newwel dawk id-dokumenti lis-sijur u tinshiex, mil-lum il-hemm, il-Princep huwa Sidek.

(Ester tersaq lejn Guda u waqt li tinzel gharkuptejha:)

3. Ester : Hekk, ja Sidi...

4. Guda : Qum minn hemm, sbejha Ester.

5. Simonides: Ja Sidi, nitolbok li quddiem Sheik Ilderim u quddiem dan il-gharef xwejjah, taqra l-istima tal gid tal-familja tighek.

6. Guda : Imma, jien, m'irrid xejn minn ghandek.

7. Simonides: Dal-gid, huwa ta' missierek... Aqra l-istima.

8. Guda : (B'lehen gholi:) "Gid li jmiss lil familja Hur.

| | | |
|---|---|---|
| Xwieni: | 60 | talent. |
| Merkanzija | 75 | " |
| Merkanzija msiefra | 20 | " |
| Igmla u zwiemel | 110 | " |
| Imhazen | 10 | " |
| Merkanzija mdejna | 278 | " |
| | 553 | Talent. |

9. Simonides: Ma' dawk, irridek izzid is-somma li kellu missierek qabel miet, 120 Talent. Int huwa sid ta' 673 talent Tista' tghid l-int l-aktar wiehed ghani li hawn f'Gerusalemm.

Guda : Simonides, tjubitek tegheleb kull niket li jien sofrejt fl-imghoddi. Ghiduli, hbieb, jista' jkun li l-bnieden f'hin hekk ta' ferh, m'jurix il-qalb tighu? Din l-istima tal-gid li jmiss lil familja tighi, jiena nirrigalajielek l-ura... Dan huwa tighek u tas-sbejha binthek Ester.

(Ester turi li hija ferhana. Baltassar u Ilderim jilaghbu bid-daqna u Simonides, rasu baxxuta, jibqa' ma jwiegibx)

Dal gid, jiena natihulek taht patt. Ghalija, nzomm il-120 talent li kienu ta' missieri u barra minn dan irrid l-int tghini insib l-ommi u lil ohti.

11. Simonides: M'irridx naqtaghlek qalbek... Jiena nghinek kemm nista' tfittixhom, biss nghidlek li sal-lum, qatt ma hadt bi hbarhom. U issa, irrid natik xi hag'ohra...Hu f'idejk u aqra.. Din lilek tiswielek hafna.

(Itieh balcmiaa f'idu u Guda, b'lehen għoli, jaqra:)

1. Guda : "Għaziz Gratus,

Dawn il-versi sejrin jħabbrulek hwejjeġ li ma kontx tistennihom. Nahseb li għadek tiftakarha il-familja Hur. Dik il-ġerha li għandek f'rasek sgur li tfakkrek f'din il-familja. Inti taf f'liema dwejjaq xhetnihom lil dawk in-nies; ahna sraqnilhom ġidhom, 'l-in-nisa tfajnihom hajjin u lit-tifel tfajnieh irsir fuq ix-xwieni..."

(Guda jerhi l-balcmina minn idu:)

Difnuhom hajjin!... Imma, allura, m'hemmx tama aktar... Imsejkna ommi u ohti.... (Ikompli jaqra:)

"Dak iz-zagħzugħ li kien jttanta inehhilek hajtek, ahna tfajnieh fuq ix-xwieni bil-hsieb li jħalli hajtu taht il-pis tal-moqdief. M'hux hekk kien...Ilbieraħ, b'għageb kbir tiegħi ilmaht lil Ben Hur mimli bil-għomor. Ma nisthix ngħid, għad-dehera tiegħu, jiena bzajt. M'hemmx dubju, huwa qed jfassal il-pajn tal-vendetta tiegħu. Ahna sraqnilu l-liberta', fridnieh minn ommu u minn ohtu. Lima hlas jtaffi dak li għaghalnieh isofri jekk m'hux l-istess hajjitna? Dan, biex inwissik li l-għadu tagħna jinsab mill-ġdid ma' riġlejna. Jekk għandna kont ta' hajjitna, jehtieġ li nergħu nwarrbuh min-nofs.

Il-habib tiegħek, Messala."

Kont tehles minni li kieku jiena ma xekkiltlekx riġlejk. Int ma jirnexxilekx twarrabni min-nofs...Int tinsab ikkundannat biex tgħix bla ma tista' titharrek... Għalkemm għaghaltni nibki biki ta' demm...jien irrid ninsik...irrid nahfer u nħallik f'idejn il-Mulej... Minn taht idejn il-Hallieq, hadd ma jehles...Kullhadd jiehu li haqqu...Jien irrid ngħix biss biex infittex lil niesi... Biex narhom migburin migħi u n-nissihom dak li sofrew.

2. Simonides: Ester, issa, imiss lilek li tinxtehet f'riġlejn sidek...

3. Ester : (Tinxtehet għarkuptejha f'riġlejh:) Ja Sidi...L-istess haġa bhal ma kienet ommi u xejn anqas minn missieri, nitolbok tilqagħni b'irsira tiegħek u wara dan, nitolbok li thallini nkompli niehu hsieb missieri....

4. Guda : (Waqt li jgħina tqum:) Qum minn għarkuptejk, sbjha E Ester... Int m'inthix irsira tiegħi...Int, għalija, tezor... akbar minn dak li tagħni ftit ilu missierek... Int għadek kemm inxthett f'riġlejja biex nilqgħek bhala irsira, issa, imiss lili li ninxtehet f'riġlejk u bis-sensja ta' missierek, nitolbok li tilqagħni m'hux bhala sidek, imma bhala l-mahbub, is-sieheb tiegħek.

(Ester ma twieġibx)

Wieġibni, Ester... Jiena ninsab wahdi...l-ommi u l-ohti tlifthom, m'għandix ma'min inserrah qalbi...Għidli li thobbni...Għidli li tridni b'sieheb tiegħek.

5. Ester : (Misthija) Xewqti, hija dik stess ta' missieri.

6. Simonides: Binthi, jiena ma nistax nikser it-talba ta' Sidi.

7. Guda : Tgħidhiex dil-kelma...Int m'intix irsir tiegħi...Int habib fidil tiegħi, jiena narak bhala missieri... Int huwa Simonides n-neguzjant ta' Antijok.

8. Simonides: Nizzikhajr, twajjeb Princep...Tjubitek hija bla tarf u la darba għogbok bhala siehba tagħzel lil binthi, jiena nitlob lil Mulej iberikkhom.

SIPARJU MALAJR.

RABA' ATT.

Xena: Fuq ix-xellug, il-Palazz ta' Hur minn barra. Qrib il-bieb bank tal-gebel u fuq il-bieb, tabella b'ittri kbar:

" DAN IL-PALAZZ HU TA' L-IMPERATUR "

Fuq il-lemin, moghodija bis-sigar u fuq in-naha ta' gewwa, mal-genb tal-moghodija, gholja ckejkna tal-blat.

i. xena.

(Jidhol Guda, qisu wiehed miblugh u mbazza fl-istess hin, jhares lejn il-palazz.)

1. Guda : Hekku l-palazz ta' missieri.... Jidher kullimkien maghluq... Possibbli li minn dak inhar ma nfetah qatt? Minjaf kieku inhabbat? Imma min jista' jwiegibni? Tghid, Amrah? Minjaf x'sar minnha, miskina.... Imma x'jiena nghid? Dik it-tabella turini li ma jista' iwiegibni hadd... Mxejkna niesi...Minjaf x'sar minnhom? (Jibki) Mulej, ikollok hniena minni...Tini xi hiel fuq niesi...Jiena lest biex nissielet ghalik...lest biex naghti hajti biex narak rebbieh fuq il-kiefra Ruma.

(Jaqa' bilqegheda fuq il-bank, jibki, imbaghad, jimtedd u wara pawsa jorqod.)

ii. xena.

(Minn wara l-palazz, jidfaccaw zewg nisa, mahmuga u m mqatta'...Ikunu zewg nisa mgiddmin. L-irtokk ta' dawn, ghandu juri car il-marda li ghandhom. Bil-qajla, jersqu imbezzghin lejn il-palazz. L-omm, taqbad id bintha, u:)

2. Armla : Binthi, dan huwa l-palazz li fieh ghexna sa dak inhar li gratilna dik id-disgrazzja.

(Tirzah tinfexx tibki u l-Armla tkompli b'lehen miksur)

Ghamel kuragg, ghaziza tieghi... U issa, li rajna l-palazz li kelna, nistghu mmorru...Jekk sakemm jisbah inkunu ghadna hawnhekk, niegu mhaggrin minn-nies tal-belt.

3. Tirzah: Ghandek ragun...Kont insejt...Minghalija li gejna biex ma nergghux immorru aktar...Ahna imcappsin bil-gdiem...Ahna m'ghandniex kenn bhall bnedmin l-ohra...Postna huwa l-qabar.

6. Armla : (B'qalba maqsuma) Imxi, imxi mmorru, binthi.

(Jersqu izjed il-quddiem u l-Omm, tilmah it-tabella u tkun ser taqa' waranijiet)

7. Tirzah: Xi gralhek, ommi?

8. Armla : La darba hemm dik it-tabella, m'hemmx tama izjed...Ibni sgur jinsab mejjet...Ahna mitlufin... M'ghandna lil hadd min jaqbez ghalina...Binthi, ghada mmorru infittxu xi post fejn inkunu nistghu nitolbu l-karita'...Jekk ma naghmlux hekk, immutu bil-guh.

9. Tirzah: Jekk immutu, jiswielna gid, jiena, ma niflahx insofri izjed.

10. Armla : Tghidx hekk, binthi...Il-Mulej taghna z-zmien taghna, ghalhekk ibqa' sofri sakemm joghogbu jehlisna.... Stenna.... Hdejn il-bieb, qegheda nara lil xi hadd... Hemm xi hadd rieqed.

11. Tirzah: Ejja nersqu hdejh, naraw minn hu.

(Jharsu madwarhom biex jaraw hux jarhom xi hadd, jaqsmu u jersqu qrib il-bieb. Guda bhall-issa jinsar rieqed wiccu l -isfel.)

1. Armla : Stennieni hawn.

(Tersaq lejn Guda. Dan, bhall-issa, jitqalleb u jigi wiccu lfuq, b'idu l-wahda mdendla, kwazi tmiss ma' l-art. L-Armla tersaq l-ura u tinzel gharkuptejha u waqt li thares ilfuq:)

Mulej!.. Nizzikhajr...Ibni ghadu haj!.. Iva...hu kollu kemm hu....

(Tirzah tersaq lejha)

2. Tirzah: X'gara ghaziza, ommi?

3. Armla : (Fgata bil-biki) Tirzah, huk ghadu haj... Iva... Hares lejh... Qed jiehu n-nifs... Dak huwa Guda...l-ghaziz huk....

4. Tirzah: Hija!... Guda!...

5. Armla : Iva, Guda... l-ghaziz ibni... Ejja nharsu lejh mill-boghod... Ejja narawh ghall-ahhar darba...Mulej, ghini nsofri dan il-kolp hekk terribbli....

(jersqu lejh u Tirzah tinxtehet gharkuptejha biex tbusu.)

X'sejrq tqghmel? Insejt l-int mcappsa bil-gdiem?

(Tirzah tqum u tersaq l-ura mbazza. L-Omm tinxtehet gharkuptejha u bil-mod, tibda tmellislu z-zarbun. Hawn Guda jitharrek. L-Omm tqum tigri u flimkien ma' Tirzah, jingibdu l-ura.

6. Guda : (Jewden:) Ommi!.. Amrah, fejnha Ommi?

7. Armla : (Tghaqad idejha b'sinjal ta' ferh) Ghadu m'insinix... Ghadu jahseb fija....

(Jinstemghu passi resqin u z-zewg nisa jitreknu biex ma jarawhomx.

iii. Xena.

(Tidhol Amrah. Tersaq lejn il-bieb u tittawwal biex tara minn hemm rieqed. Terga' pass l-ura u tibda toghorok ghajnejhabiex tara hix tara sewwa. Tersaq lejn Guda, tinzel ghrkuptejha u tibda dbuslu idu. Guda jistembah u jigbed idu l-ura, maqtugh)

8. Guda : (Miblugh) Amrah!.. Ghaziza Amrah!..

9. Amrah : (Imbikkija bil-ferh) Ja Sidi!.. Kemm ili nixtieqa din is-siegha.

(Guda jhaddanha, mieghu u jbusha) (L-Armla tidher li ma tiflahx is-sofri dik ix-xena, taqbad id- bintha, u:)

10. Armla : Immorru, binthi...Ma niflahx izjed.

(Tirzah tixxotta ghajnejha u t-tnejn bla ħoss johorgu)

iv. xena.

11. Guda : Amrah, fejnha ommi? Fejnha Ohti? Ghidli x'sar minnhom.

12. Amrah : (Imbikkija) Qatt ma rajthom izjed...

13. Guda : Imsieken... Imma, int, Amrah, kif tinsab hawn?

14. Amrah : Ghalkemm il-palazz, f'ghajnejn in-nies jinsab maghluq... jiena bqajt nghix go fieh l-istes bhal qabel...Ta' kull filoghodu knieni, jiena nohrog nixtri u nirtira minnufieh, nistenna dejjem il-wasla ta' xi hadd minkhom.

(Jinstemghu passi resqin)

1. Guda : Idhol sewwa malajr... thallihomx jarawk.

(Amrah tidhol u tinghalaq)

v. xena.

(Jidhol Mallugh)

2. Malluch: Ja Sidi!..

3. Guda : Malluch.

4. Malluch: Ahbarijiet tajba.

5. Guda : Jaqaw? Ghidli.

6. Malluch: Messala miet ilbierah filoghodu.

7. Guda : Alla ikollu hniena minnu...Jahfirlu dnubietu....

8. Malluch: U issa, ghandi ahbar ohra x'natik.

9. Guda : Ghidli, Malluch.

10. Malluch: Wiched Profeta li jghidu li ilu jghix ghal zmien twil fid-dlamijiet, dcher jippriedka fl-inhawi ta' Gerusalemm. Kliemu huwa kollu gherf...Jghidu li gie jhabbar il-Migja tal-Messija u jghidu wkoll li dan, ga jindab fostna.

11. Guda : X'jismu dan il-Profeta?

12. Malluch: Jismu Gwanni, minn Nazzareth.

13. Guda : Kliem il-gharef Baltassar, qieghed jigi mwettaq...Ghidli, Malluch, xi kliem qieghed jghid dan il-Profeta?

14. Malluch: "Jiena huwa l-lehen li jghajjat fid-dlamijiet...Ifthu it-Triq lil Messija."

15. Guda : U tahseb li l-Messija jinsab fostna?

16. Malluch: Iva, ja Sidi... Il-Messija qed jaghmel hafna mirakli... Qed jippriedka dutrina gdida... In-nies qegheda tmur warajh...Hemm hafna li huma kontra tieghu...Is-Sinagoga qegheda ix-xewwex lil poplu biex jitolbu l-mewt tieghu... Jghidu li dawn marru ghand Kajfas biex jixluh bhala hati.

17. Guda : Allura, wasal il-waqt li ili tant nistenna...L-armata tighi ga mhejjija u ma jonqosx hag'ohra ghajr li l-Messija jaghtina s-sinjal...Imxi, Malluch...imxi inhejju lil shabna qabel ma jkun tard wisq.

(Jhallu l-palk)

vi. xena.

(Mill palazz tohrog Amrah. Tidher qiegheda tfittex lil Guda. Meta ma tarahx, tintefa bilqegheda fuq il-bank tal-gebel u tibqa' hemm hoshiena. Minn-naha tal-genb, jitfaccaw l-Imgiddmin. L-armla taghmel sinjal lil bintha u tindikalha lil Amrah. Tirzah tidher qed tifrah. Jersqu ftit iehor il-quddiem u l-Armla:)

18. Armla : Amrah!...

19. Amrah : (Tinhasad u tqum bis-salt) Minn int?

20. Armla : M'inthix taghrafna? Hares lejna sewwa.

21. Amrah : (Wara li thares lejhom sewwa, b'ghajta ferricha:)

Ja Sidti!... Tirzah!... (Taghti salt biex tersaq lejhom)

22. Armla : Le, Amrah... Tersaqx lejna... Ahna mcappsin....

1. Amrah : Ja Sidti... (tagħti nasi iehor il-quddiem)

2. Tirzah: Le!... Imcappsin!... Imcappsin!...

3. Amrah : (Tinxteħet għarkuptejha, imbikkija:) Disgrazzja kerha!... Oħ!... Mulej, ikollok ħniena minnhom.

4. Tirzah: Amrah, m'iġġibilniex ftit ilma?

5. Amrah : (Tqum u tersaq lejn il-ġevlaq li tkun ħalliet ftit il-bogħod) Mokku għeziez tiegħi... Hawn għandkhom il-ħobz u l-laham... (Tibda biex tinza l-fardall biex tagħmlilhom l-ikel fieh)

6. Armla : Le, Amrah... Tagħmilx hekk... Jekk jarawk in-nies ihaġġruk. Ħalli l-ġevlaq hawn u mur imliehelna il-bombla bl-ilma... Imbagħad, meta orru nitrejqu f'qabarna, fejn ma jarawniex... B'hekk, int ma tkun għamilt xejn ħazin... Tkun qdejt dmirek lejn il-proxxmu tiegħek bla ma tkun għamilt ebda deni. Jaħħef, AMRAH.

7. Amrah : Mizzikhajr o Sinjur li tajtni din ix-xorti li nerga' narhom. Arawni sejra... Dal-waqt nerga' niġi. (Toħroġ tgħaġġel il-barra bil-bombla fuq rasha)

8. Tirza h: Miskina, Amrah baqgħet tħobbna bħal qabel.

9. Armla : Amrah, fil-palazz tagħna kienet qisha ohti.

10. Tirzah : Tgħid raha xi ħadd tkellimna?

11. Armla : Ma naħsibx, ma jidher ħadd... Ġejja...

(Tidħol Amrah bil-bombla)

12. Amrah : Ixorbu, għeziez tiegħi....

13. Armla : (Tieħu l-bombla f'ida) Mizzikhajr, Amrah... Dak li għamilt magħna l-lum, aħna ma ninsewh qatt.

14. Amrah: Jongoshom xi ħag'obra, ja Sidti?

15. Armla: Iva, Amrah.... Jiena naf li ibni Guda jinsab ħieles... Ftit ilu rajtu rieqed wara l-bieb tal-palazz tagħna... Smajtu isemmina, rajtu ikellmhek....

16. Amrah: Rajtu ikellimni u m'ersaqtx lejna? Kif flaħt tarani inkellmu u tibqa' moħbija?

17. Armla: Kieku ersaqna lejkhom, ibni kien jiġri lejna u allura kien jieħu l-marda huwa wkoll... Jiena ma nis tax nghanqu mighi aktar... Ma nistax nbusu.... Amrah, jiena naf l-int tħobbu bħal ibnek... Kun bħala ommu minflokhi.

18. Amrah : (Tibki) Iva nħobbu bħal m'inħobb lilhek ukoll, Tirzah... Tista' tgħid rabbejtkhom jien....

19. Armla : Lesta tagħtini prova ta' din l-imħabba tiegħek?

20. Amrah : Iva, lesta, ja sidti.

1. Armla : Allura, ma jrridhekx tghidlu li rajtna, m'irridx li jkun jaf li ghadna hajjin ... Dan biss irrid minnhek.

2. Amrah : Imma, ja Sidti... Ibnek qed ifittixkhom... Huwa gie mill-boghod biex isibkhom.

3. Armla : Jehtieg li m'isibniex... Ibni m'ghandux jired dil-marda kiefra li laqtet lilna... Int tibqa' taqdina bhal ma qdejtha l-lum... Tibqa' tigi tarana, tkellimna mill-boghod u jttina bi hbaru.... Lilu, m'irridek tghidlu ebda kelma... fhimtni, Amrah?

4. Amrah : Imma kif ser niflah nibqa' fommi sieket, meta nisimghu isemmikhom, mita narah, mitluf, ifittixkhom? Kif ser nibqa' siekta mita naf kemm jhobbkhom, kemm jixtieq jarakhom? Sejra nsofri, ja Sidti... Insofri li ghall-inqas m'intarraflux l-inthom ghadkhom hajjin.

5. Armla : Le, ebda kelma... Mur issa u erga' ejja l-lejla... Ahna nkunu qieghdin nistennewk.

6. Amrah : Das-s agrificcju huwa kbir wisq ghalija...

7. Armla : Kemm ikun akbar jekk tarah imcappas bhalna?

(Fil-boghod tinstama'agha ta' nies)

8. Tirzah: Xi tfisser din l-agha, Amrah?

( Amrah tersaq lejn il-moghodija biex tara x'gara. Terga' tersaq lejhom minnufieh, ferhana)

9. Amrah : (Tinxtehet gha rkuptejha f'riglejn l-Omm, titghannaq ma riglejha u mbikkija bil-ferh) Wasal, wasal il-waqt, ja Sidti....

11. Armla : Amrah!... X'ghamilt b'idejk? (B'ghajta mbazza') Din hi l-imhabba li thobbna... Mara qarrieqa!... Int mitlufa wkoll issa... Int ma tistax terga' l-ura izjed lejn ibni... Mara bla ghaqal... Int imcappsa wkoll,issa...

12. Amrah : Hniena, ja Sidti!...

13. Armla : Hniena kien imissu kellhek minnhek in-nifshek...

14. Tirzah: Ghadirha, ghaziza ommi...

15. Armla : Issa, m'ghanda lil hadd li jisra' jghina... Ahna mitlufa...

16. Amrah : Ahfirli ja sidti....

17. Armla : X'jiswa li nahfirlhek.. Int, issa tinsab ikkundannat biex tghix bhalna mbegheda u mistmerra minn kullhadd.

18. Amrah : Ikollhok hniena, Tirzah... Aqbez int ghalija... Jiena riedt natikhom ahbar... ahbar li lilkhom tferrahkhom....

19. Tirzah: Jaqaw, Amrah, x'ahbar sejra taghtina?

20. Amrah : (Tqum u b'lehen ferriehi:) Qeghedin tisimghu din l-agha ta' nies... Dik il-folla riesqa l-hawn u fosthom hemm ragel... Ragel Qaddis (L-agha tinstama' ftit aktar filqrib) Qeghedin joqorbu lejna... Ja Sidti... nitolbok... nitolbok bi hrara kbira... Mur... mur flimkien ma' binthek

u nxtehtu f'riglejh. . Dar-ragel ghandu s-setgha li jfejjaq-khom.

2. Tirzah: Qegheda tara, ghaziza ommi..., dak li ghamlet Amrah, ghamlitu ghaliex thobbna.

3. Amrah : Dar-ragel ghamel bosta mirakli... Ghandu s-setgha sahansitra li jqqajjem lil mejtin... Kif smajt dik l-agha, ftakart li l-lum kellu jidhol fil-Belt ta' Gerusalemm... Isimghu minni... morru itolbuh... x'titilfu b'daqshekk?

4. Tirzah: Xi tghid, ghaziza ommi? Tahseb li jfejjaqna?

5. Armla : Lil dar-ragel, smajthom isemmugh kemm il-darba...Amrah, taf minn hu, int, dar-ragel? Qatt rajtu, int?

6. Amrah : Iva, rajtu... Rajtu jaghti is-smiegh lit-torox, il-kliem lil muti... rajtu iqajjem lil Lazzru minn qabru... Jismu Gesù minn Nazzareth.

7. Armla : Zmien ilu, Gerusalemm u l-Gudea, keinu xniegha wahda li kien twieled dak li kellu jkun s-Sultan tal-Lhud... Dan, sal-lum, kiber... Iva, jista' jkun li huwa l-Messija... Iva, binthi... Immorru... immorru ninxtehtu f'riglejh....

8. Tirzah: Imma, inti nsejt li ahna mgiddmin? Jekk jintebhu bina, sgur ihaggruna...

9. Armla : Ghandhek ragun... Immorru fuq dik l-gholja.. Insemmghu lehinna minn hemm...

10. Tirzah: Bl-ghajjat tal-folla, dak ir-ragel ma jismaghniex...

11. Amrah : Ghamel kuragg, Tirzah... Isma minnhi, mur m'ommok....

12. Armla : Imxi mmorru... Amrah, xi smajthom jghidulu l-morda meta talbuh ifejjaqhom?

13. Amrah : "Sinjur, ikollok hniena minni" jew " Mghallem, hniena f'isem il-Mulej."

14. Armla : Hekk biss? Haffef Tirzah ghaliex il-folla waslet....

(Il-folla issa tinstama fil-qrib hafna.)

Minn fuq dik l-gholja, jarana sgur. (Jitilghu fuq l)gholja u jhejju ruhhom biex jsemmghu lehinhom.) Il-Folla tidhol in-xena minn-naha tal-lemin; min b'palma f'idu u minn bil-fjuri, waqt li jinstemghu jghajtu:)

Is-Sliem ghalik o Iben David!

Imbierek int li gejt f'Isem il-Mulej!

Hosanna...Hosanna lil Iben David!

Is-Sliem o Kbir Profeta!...

(Hawn wiehed mill-folla, jilmah lill-Imgiddmin, jersaq l-ura u mbazza', jghajjat:)

15. Ragel : L-Imgiddmin!... L-Imgiddmin!...

(L-ohrajn, imbezzghin jersqu l-ura wkoll, u:)

1. Mara : Ha_ggruhom!....

2. Ragel : Dawn mishutin minn Alla!

3. Mara : Oqtluhom!....

4. Armla : (B'lehen gholi:) Mghallem, Mghallem, Ikollok hniena...
Inti taf liem'hu l-bzonn taghna... Int tista' tfejjaqna.

5. Tirzah: Ikollok hniena minna... Hniena, Mghallem... Hniena..Hniena.

6. Lehen Gesù : (Bla ma jidher) Temmnu,inthom, li ghandi s-setgha nfejjaqkhom?

7. Armla : Int huwa dak li l-Profeti tkellmu fuqek... Int huwa l-Messija.

8. Ilhna tan-Nies : HOsanna!... Osanna lil Iben David!....

9. Armla : Hniena Mghallem...

10. Tirzah: Hniena... Hniena....

11. Lehen Gesu : Kbira hija l-fidi taghkhom... Isir minnkhom dak li tixtiequ.

(Il-folla tibda mixja l-gewwa sakemm l-agha tghib fix-xejn)

12. Tirzah: (Ferrieha) Ommi!... Qegheda thoss bhali? Id-demm.. Id-demm qed inhossu jigri fil-vini....

13. Armla : Iva... Il-griehi li ghandi fuq gismi, qed inhosshom jinxfu.

14. Amrah : Mulej... Isma talbi... Fejjaqhom... Ikollok hniena.

15. Tirzah: Sahhti qed inhossa mill-gdid....

16. Amrah : Miraklu!... Miraklu!....

17. Armla : Ahna mfejqa!.... Iva, imfejqa.... Miraklu... Miraklu....

18. Tirzah: Ghajnejja, qeghedin jaraw car aktar minn qabel... Jiena mfejqa!... Nizzikhajr o Mulej!... Nizzikhajr!...

19. Armla : Imbierek .. Imbierek l-Isem tal-Mulej! Semgha talbna...
Amrah, ahna mfejqin... Ersaq halli nhaddnek mighi.

(Imbikkija, tigri lejha u thaddanha maghha. Fl-istess hin jidhol Guda flimkien ma' Malluch. Guda jilmah lil Amra h, imhaddna ma' l-Armla)

20. Guda : Amrah!... (Imbazza u ferhan fl-istess hin) Minn huma dawn li hawn mieghek?

21. Amrah : (Waqt li l-Omm u Tirzah jithaddnu flimkien) Ja Sidi!...

22. Guda : F'gieh Alla... Ghidli minn huma... Ghidli inhix nara tajjeb....

Amrah : (Egata bil-biki) Iva, ja Sidi... Hadd hliefhom... Ersaq ifrah bihom....

2. Guda : (Mitluf bil-ferh) Ommi!... Ghaziza ommi!.... Tirzah!...

3. Armla : Ibni!... Ghaziz ibni!... ( Jitghanqu t-tlieta flimkien)

4. Tirzah: Guda!... Ghaziz hija!...

(Waqt li Amrah tinzel gharkuptejha thares lejn is-sema tizzihajr l-Alla u l-persunaggi l-ohra mitlufin fl-imhabba taghhom, is-

SIPARJU JINGHALAQ BIL-MOD.

HAMES ATT.

Ix-Xena: L-istess ta' l-Ewwel Att.

i. xena .

(L-Armla Hur flimkien ma' Tirzah, libsin rikk, jidhru qeghdin jittawwlu mill-logga)

1. Tirzah : (Waqt li turiha l-post vojt tal-gebla li kienet waqghet minn taht idejn Guda:) Din kienet, ghaziza ommi... din kienet il-gebla li gaghalitna nsofru dak kollu.

2. Armla : Insa, binthi, insa, issa, dak kollu li ghadda minghalina. Issa li ninsabu lkoll flimkien, m'ghandniex mahsbu f'hag'ohra ghajr li nghixu hinja skond ir-rieda tal-Mulej. L-hena li qeghedin ngarrbu, ahna nafuha Lilu. Ahna konna mistmerra minn kullhadd...Kullhadd kien jahrabna.. Dik il-marda kienet qegheda tressaqna lejn il-qabar bil-mod, il-mod. Liema opri tajba, huma bizzejjed biex inroddu l-Alla dak li ghamel maghna

3. Tirzah : Il-Mulej kien twajjeb wisq maghna. Ghidli, ghaziza ommi, ghaliex il-gens Lhudi jixtieq il-mewt Tieghu?

4. Armla : Jiena ma nistax nifhem ghaliex. Dak li qal Gesù, wettqu bil-mirakli tieghu, b'dan kollu, il-poplu m'iridx jaf... baqa' fil-ghama... Huwa jinsab mghowwi mill-kbarat tas-Sinagoga... Dawn xewxuh sakemm il-poplu talab il-mewt tieghu. X'jigri mis-Saltna t'Erodi jekk Gesù jigi maghruf bhala Sultan tal-Lhud? Din hi wahda mir-ragunijiet, binthi.

ii. xena.

(Jidhol Guda. Iz-zewg nisa jigru lejh:)

5. Armla : X'ahbar giet mieghek, ibni?

6. Guda : Ahbar hazina, ommi. Il-poplu rvella ghal kollox. In-nies li kelli mieghi, lesti biex jissieltu ghal Gesù, hallewni wahdi u marru inghaqdu ma' l-ohrajn jitolbu l-mewt tal-Messija.

7. Tirzah : Imma, x'inhi htijietu? Ghaliex iridu il-mewt tighu?

Guda : In-Nazzarenu huwa bla htija. Tant hu hekk, li Pilatu ma jridx li jkollu sehem fil-kawza tieghu... Hasel idejh.

2. Armla : U issa, x'gara?

3. Guda : Gesù jinsab f'idejn l-ghedewwa tieghu.

4. Armla : Liema hu l-kastig?

5. Guda : Is-Salib, ghaziza ommi, is-Salib.

6. Armla : (Inkexkxa) Is-Salib!

7. Tirzah: Is-Salib! (Tibki)

8. Armla : (Kommossa) Ftit ilu, rajtek diehel fil-Belt ta' Gerusalem, fos t l-ghajjat ta' ferh u c-capcip tal-poplu u issa, issa hadd ma irid jaf bik... Int tinsab imzebblah mill-poplu kollu... Siegha terribbli... Guda u issa, x'sar minnu? Fejn haduh?

9. Guda : Mita Pilatu ra li l-poplu baqa' jitlob il-mewt Tieghu, tahulhom f'idejhom biex isalbuh huma. L-ewwel m'ghamlu, rabtuh f'kolonna u fflagellawh...

10. Tirzah : Imma, ghaliex? Ghaliex, kien tant twajjeb?

11. Guda : Dak ma kienx bizzejjed...biex ikattru hruxithom, defsulu kuruna tax-xewk f'rasu u wara li tawh qasba f'idu, bdew jiddiehqu bieh...bdew jobs qulu f'wiccu u jsejhulu Sultan tal-Lhud.

12. Armla : Xi hruxija... Id-demm tieghu ghad jitlob haqq minn uliedna.

13. Tirzah : Imbaghad, x'ghamlulu izjed?

14. Guda : Ghabbewh is-salib u tlequ bieh ghal fuq il-Golgota... Jien ma flahtx immur warajh... Dawk id-daqqiet, bdejt inhosshom f'qalbi... dawwart wicci u gejt l-hawn.... Smajthom jghidu li f'Nofs-in-nhar sewwa, ghandom isalbuh.

iii. xena.

(Jidhol Simonides, merfugh minn erba' irsiera; Ester u Baltassar.

15. Armla : Simonides!

16. Simon. : Ja Sidti!... Nizzihajr l-Alla li rgajt rajthek qawwija u shiha... Ersaq, Ester, ersaq ifrah bihom.

17. Tirzah : Ghaziza Ester!

18. Ester : Mahbuba tighi.

19. Guda : Dan, huwa l-habib tighi, l-gharef Baltassar... Dan, jaf wisq x'ighid fuq in-Nazzarenu.

20. B altss. Is-Sliem ghalikhom, hbieb...

21. Armla : Merhba, merhba, xwejjah gharef... Ibni sikwiet isemmik.

22. Baltas.: Ibnek huwa zaghzugh qalbie ni.

1. Guda : Nizzikhajr, habib.

2. Tirzah: Ester, kemm kbiert mill-ahhar li rajthek.

3. Ester : Minn l-ahhar li rajna lil xulxin, ghadda hafna zmien.

4. Guda : Ommi, Dak inhar li jiena mort ghand Simonides biex nara niehux bi hbarkhom, wara li sama' kliemi, flimkien ma' binthu, jddikjaraw ruhhom bhala rsiera tieghi. Jiena, bhala hlas ta' dak li ghamel maghna u mal mejjet missieri, tajtu l-helsien... Il-lum, quddiem ix-xwejjah habib tighi Baltassar, nitolbok l-int twettaq dak li ghamilt jien.

5. Armla : Int ma stajtx taghmel ahjar milli ghamilt...Simonides hadem hafna ghalina... Jizraqlu wisq izjed mill-helsien tieghu.

6. Simon : Nizzikhajr, Ja Sidti.

7. Guda : Ghaziza ommi... Mita Ester inxtehtet f'riglejja biex nilqaghha bhala rsira tieghi tlabtha tilqaghni bhala l-mahbub taghha... Il-lum irrid nitolbok il-kunsens u tbierek din l-imhabba taghna"

8. Armla : Int ma stajtx taghzel xbejba ahjar...Ester jixirqilha kull-imhabba u rispett. (Tersaq lejha u thaddanha magha) Nifrahlhek, ghaziza tighi... Jiena mberikkhom u nixtieqil-khom kull risq.

9. Ester : Nizzikhajr, ghaziza ommi... Jiena naghmel li nista biex naghmel l-ibnek hieni.

10. Tirzah: Jiena wkoll irrid nifrahlhek (Tersaq lejha u dbusha) Mill-lum il-quddiem, jiena nqishek bhala ohti... tghix maghna daqskemm kieku kont bicca minna.

11. Ester : Int qalbhek tajba... Il-Mulej itik dak li tixtieq qalbhek.

12. Baltas: Jiena wkoll nixtieq nifrah lill-gharajjes il-godda.... Il-Mulej itikhom il-paci.... Sinjura... Ma nistax infissirlhek il-ferh li hassejt meta ibnek qalli bil-miraklu li ghamel maghkhom Gesu.

13. Armla : U jien, emminni... fhadni ma nistax nemmen li ahna nimabu mfejqa ghal kollox.

14. Baltas: Kemm ghamel gid in-Nazzarenu...Kemm fejjaq nies.

15. Tirzah: U issa, iridu joqtluh.

16. Baltas Nies ghomja!.... Iva, iridu joqtluh... F'nofs-in-nhar sewwa ghandu jigi msallab.

17. Simon: Min jista' jghid x'ser jigri, wara l-mewtu.

18. Guda : Dawn huma hinijiet tal-biza.

19. Baltas Hinijiet li ghad iridu jinkitbu fil-grajja tad-dinja bi ittri tad-deheb.

20. Armla Imma, ghaliex iridu joqtluh? Ghamel tant gid...Jiena ma nista' ninsa qatt dak li ghamel maghna.

21. Baltas Inthom kontu batuti... kontu qeghdin issofru...Kemm

: ghandkhom ghax tizzuhhajr.

1. Armla : Il-mohh ma jasalx biex jfissrilkhom dak li sofrejna.

2. Simon : Ma tghidilniex xi haga minn dak li ghadda minghalikhom?

3. Armla :_ Jekk m'indejjaqkhomx.

4. Guda : Jiena wkoll ghaziza ommi, irrid nisma minn fommhok dak li ghadda minghalikhom... Dak li sejra tghidli jtini l-qawwa u hila biex inkun niflah nissielet kontra Ruma.

5. Armla : Isimghuni, mela...Wara ftit li gejna arrestati fil-palazz taghna, gejna mitfugha f'cella mudlama fil-katakombi ta' Antonja. Il-hin, f'dik ic-cella, konna nghadduh fit-talb u fil-biki... Kemm konna maghluqin hemm gew, dawl ma rajna qatt.

6. Simon : U ikel, x'kienu jtikhom?

7. Armla : Hobz u ilma... Kienu jtuhomna minn toqba li kien hemm fil-hajt. Wara xahar li konna ilna hemm, ma flahniex nieqfu fuq riglejna. Dik ic-cella kienet imcappsa bil gdiem u ghalhekk, dik il-marda, ahna ma domniexma wiritniha

8. Guda : (Jghatti wiccu b'idejh) X'wahdadin! Kemm kellkhom issofru.

Armla :

9. Imbaghad, mita Pilatu lahaq Gvernatur minflok Valerius Gratus, konna gejna mehlusa, imma konna ikkundannati biex nghixu

~~10.~~ il-boghod minn kullhadd.

10. Baltas: Marda kiefra...

11. Armla : Flimkien ma' binthi, fil-hemda tal-lejl kont nigi ndur ma' dan il-palazz bil-hsieb li xi darba, niltaqa' m'ibni.

12. Simon : Tassew li l-Mulej kien maghkhom biex flahtu jssofru dan kollu.

13. Armla : Hekk gara... Darba minnhom, Guda kien hemm, rieqed wara il-bieb tal-palazz.. Jien, riedt nigri lejh, biex nrossu ma qalbi, imma ftakart li jiena kont milquta minn dik il-marda...

14. Baltas: Imsejkna omm....

15. Armla : L-ghada rgajna gejna u hawn iltqajna m'Amrah...F'dik il-ghodwa mit-triq tal-palazz, kellu jghaddi n-Nazzarenu. Amrah talbitna biex immorru ninxtehtu f'riglejh... Hekk ghamilna u wara ftit, konna mfejqa.

16. Baltas. Imbierka l-Omnipotenza t'Alla... (Il-palk jibda jiddal-lam bil-mod). Baltassar jibda jhares madwaru u:) Qieghdin taraw bhali? Qieghdin taraw dalma?

17. Simon : Forsi ghaddejja xi shaba minn fuq ix-xemx.

18. Guda : Sewwa qed tghid... Xi tfisser did-dalma...

19. Armla : (Waqt li tohrog tittawwal ghal barra u terga' tidhol:) L-ajru qed jissahhab... Donna gejja xi tempesta.

20. Baltas. Din m'hix dalma tat-temp...M'hix dalma tas-soltu.

iv. xena.

(Jidhol Malluch, b'nifsu maqtugh)

1. Malluch: Ja Sidi!...

2. Guda : X'ahbarijiet ghandek, Malluch?

3. Malluch: (Jinsah gbinu mill-gharaq) Gesù jinsab nsallab... Il-poplu, jinsab migbur hemm taht is-salib tighu, Qieghdin jinsultawh... jzebilhuh... Ftit huma dawk li urew xi soghoba ghal dak li qed isofri.

4. Baltas: (Kommoss) U x'qal il-Messija ghal dan iz-zeblieh?

5. Malluch: Xejn... (Il-palk, fuq in-naha tax-xellug jibda jiddallam waqt li fuq il-lemin, jiddawwal. Fuq il-lemin, fuq ir-rampa, jidher il-folla, fosthom suldati Rumani, Kbarat tas-sinagoga u jekk possibbli, Gwanni, l-Maddalena u l-Madonna. Is-Salib ma jidhirx u l-poplu meta jitkellem jindirizza il-faccata, igifieri bejn il-kwinti.)

Ebda kelma, biss, mita refghu u waqfugh fuq il-quccata tal-Golgota, Gesu refa ghajnejh lejn is-Sema, u qal:

(Sakemm Malluch jghid dawn il-kelmiet, ix-xellug tal-palk jkun ntefa ghal kollox waqt li l-lemin jddawwal. Lehen Gesu jinstama jirbombja (Bl-eku))

6. Lehen : "Missier, ahfrilhom ghaliex ma jafhux x'inhuma jaghmlu.

7. Kajfas : Sa fl-ahhar qed narak imsallab. Ifirhu l-ahwa, xewqitna giet maqtugha.

8. Poplu : Evviva l-kbarat taghna.

9. Annas : Dal jum ma jintesa qatt.

10. Kajfas : Issa, ghalli inqas immut ferhan ghaliex rajt lil dan il-qarrieqi fuq is-salib.

11. Annas : Kajfas, xi tghid dik l-iskrizzjoni li hemm fuq is-salib?

12. Kajfas : Iva... Sejhulu Sultan... Dan huwa nsult lil poplu u lis-Sanhedrin.

13. Annas : Il-Kunsill taghna ghandu jipprotesta bil-qawwa kollha.

14. Rabbi : X'hemm sewwa, miktub?

15. Kajfas : Gesu ta' Nazzareth, Sultan tal-Lhud.

16. Annas : Dawk il-kelmiet qed izebilhu l-gieh tan-Nazzjon.

17. Kajfas : Nipprotestaw.

18. Rabbi : Innehhu dik il-kitba minn hemm.

19. Kajfas : Jekk innehhuha ahna naghmlu hazin... Kleopha, mur ghand il-Gvernatur u f'isem il-Kunsill tal-Kbarat itolbu jibdel dik il-kitba.

20. Kleopha : U xi kliem tridu jikteb flok dak li hemm?

21. Kajfas : Dak li qal huwa stess: "Jien huwa s-Sultan tal-Lhud"

1. Kleopha: Tajjeb. Aravni sejjer.

2. Longinu — (Waqt li jidher qed jitkellem ma' Agrippa u Faustus:) Hbieb dil-libsa, nixtieq jien.

3. Agrippa — Habib, nghidlek issew, jien ukoll riedtha.

4. Faustus — Allura, naqsumhua bejnietna ghaliex jien wkoll riedt bicca minna.

5. Longinu — Stennew... Dil-libsa maghmula bicca wahda... dnub naqsmuha naqtghu ghalieha.

6. Faustus — Fuqi ghandi d-dadi... Halli nara xortija. (Jilghab id-dadi) Tnejn u wiehed...Ftit wisq...hrigt tellief.

7. Agrippa — (Waqt li jahres lejn il-genb) Ja sultan...Jekk tassew taghmel l-eghgubijiet, ghamel li jiena nirbah.

8. Faustus — Ha...ha... X'inti tghidlu? Ma tarx li m'ghandux mohhok?

9. Agrippa — Allura nitolb lil belzebub... Tini loghob sabieh. (Jilghab) Ghaxra u hamsa... Nahseb li rbahtilkhom.

10. Longinu — Stenna!.. Issa imiss lili. (Jilghab) Ghaxra u tminja. Il-libsa hija tieghi...Irbahtilkhom.

(Jinstama irtieghed u l-beraq ilehh ta' sikwiet)

11. Kajfas — Kleopha wasal... Naraw x'ser jghidilna.

(Jidhol Kleopha minn qalb in-nies)

12. Kleopha — Mort ghalxejn. Pilatu anqas biss ried jarani.

13. Annas — X'igifieri ma riedx jarak?

14. Kajfas — X'qallek?

15. Kleopha — Qalli biex nghidilkhom li dak li kiteb m'hux ser jhassru.

16. Annas — Imma, dan huwa nsult ghalina.

17. Kajfas — Igifieri dik l-iskrizzjoni ser tibqa' hemm...Sultan tal-Lhud... (Ihares lejn in-naha ta' fejn hemm is-Salib) Imma jekk int tassew Sultan tal-Lhud, inzel minn fuq dak is-salib.

18. Annas — Jekk tinzel minn hemm, ahna nemmnu l-int Sultan.

19. Rabbi — Ghedt li jggarraf it-tempju u tibnieh mill-gdid ... Jekk ghandek hila, ehles lilek in-nifsek minn fuq dak is-salib.

20. Kleopha — Ha.. ha... Heles lil haddiehor u m'ghandux hila jehles lilu n-nifsu.

21. Kajfas — Jekk tassew int l-Iben t'Alla, inzel minn fuq dak is-Salib u ahna nemmnu fik.

22. Annas — Kien jghid li jittama fil-Mulej...Jekk eghmilu hu skond r-rieda tigheu, il-Mulej ghandu jehilsu.

23. Kajfas — Kif int fuq is-salib, urina ftit mill-eghgubijiet tighek.

[illegible] il-lum, int[illegible] tkun fil-Genna mieghi.

2. Kajfas Ha... ha... ha... Il-genna ghamilha tieghu.

3. [illegible]nas Issa wkoll, li tinsab imsallab bejn is-sema u l-art, ghadek ma tlieft xejn minn kburitek?

4. Lehen. Mara! Hares lejn dan iz-zaghzugh... Dan huwa ibnek... Gwanni, din hija ommok.

5. Miriam Iben ghaziz tighi....

6. Gwanni Mghallem, l-ahhar xewqa tighek, ghalija, hija qaddisa...Iva, Int hija ommi u jien huwa ibnek.

7. Lehen Ghnadi l-ghatc.

8. Agrippa Is-Sultan irid jixrob.

9. Faustus Kif nistghu nisquh?

10. Longinu Inxarbu din l-isponza fil-hall u nressquhielu ma xufte[illegible]

11. Agrippa (Waqt li jnewwillu qasba) Wahhal dik l-izponza ma' dil-qasba u tieh jixrob.

12. Faustus Tuhieli f'idejja... (Iressaq il-qasba ma fomm Gesu) [illegible] Ja Sultan.

13. Lehen Eli, Eli, Lamma Sabaqtani?

14. Kajfas Smajtuh? Qieghed isejjah lil Elia.

15. [illegible]nas ....Naraw jisimghux... Naraw jigix jehilsu.

16. Lehen Kollox mitmum!.

17. Ilhna (Waqt li n-naha talilemin tibda tiddallam, ix-xellug jixghel bil-mod u tidher l-istess xena ta' qabel. L-Amm[illegible] Hur, binha u bintha, flimkien ma4 Simonides u Ester, jidhru attenti jisimghu lil Mallugh. Baltassar jidher qisu mitluf minn sensieh) X'qieghed jghid? Qeghdin tifmuh?

18. Malluch S'hawn, nista' nghidlkhom... Ma flhtx narah jsofri izjed .. tlaqt b'girja wahda ghal hawn.

( Il-beraq jkompli jlehh ta' sikwiet, ir-raghad jinstama ukoll imsieheb mas-sajjetti)

19. Baltas (Waqt li jqum u jibda riesaq lejn il-logga li tharas lejn il-golgota) Wasal il-waqt lid-dinja tibza... Gesu, id-demm ghaziz tieghek irid jinxtered sa l-inqas qatra...Jiena qieghed narak arbulat fuq il-quccata tal-Golgota...Qieghed nilmah id-dawl t'ghajnejk jonqos.. Int qieghed titlob lil Missier Etern Alla, ghalina.. ghal dawk li m'gharfukx u sahansitra ghal dawk ukoll li salbuk.

(Il-persunaggi l-ohra jersqu warajh u jinxtehtu gharkup-tejhom, jidhru imbikkija)

B'ghajnejk lejn is-Sema, qed narak tbexxaq fommok ghall-ahhar darba... F'widnejja qieghed nisma jidwi lehnek....

Zehen "Missier, f'Idejk nerhi l-Ispirtu tighi."

(Jinstama' hoss ta' terremot. Mill-hoghod jinstama' twerzieq ta' nies u hsejjes ta' bini jiggarraf)

Armla Terremot!...Terremot!....

Persunaggi Iva, Terremot!....

Baltassa (Jibqa' fl-istess qaghada ta' qabel, b'ghajnejh fissi lejn il-Golgota)

Qieghed nilmah il-gnus jitferrxu, imwerwra, jaghtu fuq sidirhom... Qed nismaghhom itennu: Tassew.. Tassew l-Int kont l-Iben t'Alla.

(Tlehh berqa u fl-istess hin tfaqqa sajjetta. Baltassar, jidher ja qa' waranijiet. Guda jigri lejh u jinzel gharkuptejh waqt li jidher qed jissemmaghlu n-nifs)

Guda Mejjet!... Laqtitu s-sajjetta... Miet flimkien mal-Messija... Imbierek ikun dak id-dud li ser jiekol minn gismek. O Mulej, fuq dal-gisem ghaziz, jiena nweghedek li l-ghorror li baqaghli niddedikah ghalik... Il-hidma tighi tkun biss biex nara l-fidi u twemmin nisrani jikber u jsaltan fuq Ruma....Quddiemi, inzomm dejjem dak is-Salib li fuqu int temmejt hajtek... Qumu minn hemm.. Hejju ruhkhom halli tigu mighi f'dik il-Belt... Jiena rrid ingarraf l-Allat foloz .. Irrid inkisser u nfarrak il-mibegheda u kefrija ta' Caesar... Zommu quddiemkhom is-Salib... B'dan is-sinjal ghandna nirbhu.

SIPARJU MALAJR.